



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Lulju 2022
(OR. en)

12598/1/21
REV 1 (mt)

FREMP 239
JAI 1074

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

Nru dok. Cion:	COM(2021) 615 final/2
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u s-Sostenn tal-Ħajja Lhudija (2021-2030)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 615 final/2.

Mehmuż: COM(2021) 615 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.7.2022
COM(2021) 615 final/2

CORRIGENDUM

This document corrects document COM(2021) 615 final of 5.10.2021.

Concerns the Maltese language version.

The phrase "fostering Jewish life" has been incorrectly translated.

The text shall read as follows:

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Strategġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u s-Sostenn tal-Ħajja Lhudija
(2021-2030)**

“Minħabba li l-antisemitiżmu jolqot il-qalba tal-valuri tagħna: l-umanità, il-libertà reliġjuża, l-ugwaljanza. Huwa velen u għas-soċjetà tagħna. Hija r-responsabbiltà tagħna lkoll li niġġildulu. Li nipprevjenuh. U li neqirduh.”

— Ursula von der Leyen, President tal-Kummissjoni Ewropea
Brussell, it-3 ta' Frar 2021

“Il-mibegħda li tibda bil-Lhud qatt ma tispiċċa bil-Lhud. Nagħmlu żball kbir jekk naħsbu li l-antisemitiżmu huwa theddida għal-Lhud biss. Huwa theddida, l-ewwel u qabel kollox, għall-Ewropa u għal-libertajiet li damet sekli biex tikseb.”

— Rabbi Jonathan Sacks
Il-Parlament Ewropew, is-27 ta' Settembru 2016

LEJN UE ĦIELSA MILL-ANTISEMITIŻMU

Il-Lhud Ewropej u l-komunitajiet Lhud ilhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp soċjali, politiku, ekonomiku, xjentifiku u kulturali tal-Ewropa għal aktar minn żewġ millenji u huma parti inseparabbli mill-identità tal-Ewropa. Minn Gustav Mahler għal Sigmund Freud, Hannah Arendt u Simone Veil, il-Lhud arrikkew il-wirt kulturali, intellettuali u reliġjuż tal-Ewropa.

Fl-istess ħin, l-antisemitiżmu ilu preżenti fl-Ewropa għal sekli sħaħ, u mmanifesta ruħu fil-forma ta' tkeċċija, persekuzzjonijiet u pogromi, li laħqu l-quċċata tagħhom fl-Olokawstu, tebgħa li ma titħassarx fuq l-istorja Ewropea u li ħassret il-ħajja u l-wirt Lhudi f'ħafna partijiet tal-kontinent. L-Unjoni Ewropea għandha l-għerqu storiċi tagħha fit-Tieni Gwerra Dinjija u fl-impenn inekwivoku tal-Ewropej li jiżguraw li atroċitajiet bħal dawn qatt ma jerġgħu jseħħu.

Madankollu, l-antisemitiżmu ma ntemmx mal-Olokawstu. Ġenerazzjonijiet wara t-tmiem tax-Shoah¹, l-antisemitiżmu qed jiżdied b'mod inkwetanti, fl-Ewropa u lil hinn minnha.

L-Unjoni hija mwaqqfa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi. Hija b'mod inekwivoku kontra l-forom kollha ta' mibegħda u diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, sess, orjentazzjoni sesswali, età jew diżabbiltà.

L-antisemitiżmu huwa inkompatibbli mal-valuri ewlenin tal-Ewropa. Jirrappreżenta theddida mhux biss għall-komunitajiet Lhud u għall-ħajja Lhudija, iżda għal soċjetà miftuħa u diversa, għad-demokrazija u l-istil ta' ħajja Ewropew. L-Unjoni Ewropea hija determinata li ttemmu.



Nofs l-Ewropej iquis l-antisemitiżmu bħala problema.

Disgħa minn kull għaxar Lhud iquis li l-antisemitiżmu żdied f'pajjiżhom.

85 % tal-Lhud iquis l-antisemitiżmu bħala problema serja².

¹ Shoah hija l-kelma Ebrajka għal “katastrofi”, filwaqt li Olokawstu ġej mill-kelma Griega għal “offerta maħruqa kompletament”. Din l-Istrateġija tuża ż-żewġ termini. <https://aboutholocaust.org/mt/facts/what-is-the-difference-between-holocaust-and-shoah>.

² Ewrobarometru 484: Il-perċezzjonijiet tal-antisemitiżmu, Jannar 2019 u l-esperjenzi u l-perċezzjonijiet tat-tieni stħarriġ dwar id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fl-UE, 2018 ([it-tieni stħarriġ tal-FRA 2018](#)).

L-antisemitiżmu kontemporanju jseħħ f'ħafna forom, kemm qodma kif ukoll ġodda: minn diskors ta' mibegħda online għal reati ta' mibegħda u attakki kontra l-Lhud, kontra l-proprietajiet u l-istituzzjonijiet tagħhom, għall-profanazzjoni ta' sinagogi, ċimiterji u monumenti. Iseħħ fil-ħajja ta' kuljum tal-Lhud fil-forma ta' kummenti każwali jew azzjonijiet fuq il-post tax-xogħol, konversazzjonijiet privati, f'postijiet pubbliċi, fil-midja, l-isport u l-kultura jew meta l-Lhud jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom. L-antisemitiżmu jimmanifesta ruħu bħala diskriminazzjoni razzjali, etnika jew reliġjuża, sterjotipar u mibegħda għal-Lhud u għal nies perċepiti bħala Lhud. Dan jista' jwassal għal attakki vjolenti u letali bħala daww fuq l-iskola Ozar Hatorah f'Toulouse fl-2012, il-Mużew Lhudi fi Brussell fl-2014, il-Hypercashier f'Pariġi fl-2015, jew fuq is-Sinagoga f'Halle fl-2019.

Barra minn hekk, il-pandemija tal-COVID-19 uriet kif il-preġudizzji antisemitiċi l-qodma jistgħu jerġgħu jqumu u jrawmu miti dwar konfessi ġodda u mibegħda online u offline. Il-poplu Lhudi kien waħda mill-aktar komunitajiet attakkati matul il-pandemija; ġie akkużat b'mod inġustifikat għall-ħolqien tal-virus u għall-iżvilupp ta' vaċċini għal profitt³. Dan ġie aggravat mit-tqabbil tal-miżuri tal-pandemija ma' politiki li wasslu għall-ġenoċidju tal-poplu Lhudi⁴ li jimminimizza u jibbanalizza l-esperjenzi tal-vittmi u s-superstiti tal-Olokawstu⁵.

Filwaqt li d-diskors ta' mibegħda u l-vjolenza huma faċilment identifikabbli, in-nuqqas ta' għarfien u l-indifferenza mifruxa fis-soċjetà tagħna jippermettu lill-antisemitiżmu jiffjorixxi u saħansitra jikber, jekk ma jiġux indirizzati. Ilkoll għandna r-responsabbiltà li ninfurmaw u nedukaw kontinwament liż-żgħażaġ u lill-kbar. Dan huwa partikolarment minnu peress li l-ġenerazzjonijiet li esperjenzaw l-Olokawstu kważi spiċċaw, u dan jagħmilha saħansitra aktar diffiċli li jgħaddu l-esperjenza diretta u t-tagħlimiet essenzjali lill-ġenerazzjonijiet li jmiss.

Il-ħajja Lhudija fl-UE fis-seklu 21

Qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, huwa stmat li 9,5 miljun Lhudi kienu jgħixu fl-Ewropa. Sitt miljun Lhudi nqatlu sistematikament min-Nazisti u l-kollaboraturi tagħhom fl-Olokawstu. Illum il-ġurnata, il-popolazzjoni Lhudija fl-UE hija stmata li tammonta sa 1,5 miljun persuna⁶.

Illum, il-ħajja Lhudija madwar l-Ewropa hija mill-ġdid vibranti. Matul l-aħħar deċennji, bosta pajjiżi Ewropej raw qawmien mill-ġdid tal-ħajja u l-kultura Lhudija. L-identità Lhudija ġiet imsaħħa u hija parti integrali mis-soċjetà Ewropea. Madankollu, minħabba n-numru dejjem jiżdied ta' attakki antisemitiċi⁷, il-biża' fost il-komunitajiet Lhud⁸ żdiedet ukoll u kienu meħtieġa aktar miżuri ta' sigurtà għall-postijiet tal-Lhud.

F'dawn l-aħħar snin, il-popolazzjoni Lhudija fl-UE qed tonqos, fil-biċċa l-kbira minħabba l-migrazzjoni 'l barra mill-UE⁹. Dan huwa marbut ma' diversi fatturi¹⁰, b'mod partikolari ma' tħassib dwar is-sigurtà, kif ukoll man-nuqqas perċepit ta' determinazzjoni ta' xi gvernijiet

³ [Coronavirus and the plague of antisemitism](#), Community Security Trust, 2021.

⁴ Pereżempju billi tintlibes stilla safra ta' David li tiddikjara "mhux vaċċinat" b'ittri li jixbhu l-alfabett Ebrajk.

⁵ [The rise of antisemitism online during the pandemic - A study of French and German content](#), Gunju 2021.

⁶ Id-daqs tal-komunitajiet Lhudi fl-Istati Membri jvarja ħafna. Madwar nofs miljun Lhud jgħixu fi Franza, filwaqt li l-iżgħar komunitajiet jgħoddu biss ftit eluf jew xi kultant anke ftit mijiet ta' membri, ta' spiss ukoll bħala konsegwenza tal-Olokawstu.

[Jews in Europe at the turn of the Millennium. Population trends and estimates](#) ta' Sergio DellaPergola u Daniel Staetsky, JPR European Jewish Demography Unit, Ottubru 2020.

⁷ [Antisemitism: Overview of antisemitic incidents recorded in the European Union 2009-2019](#), mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA).

⁸ Fl-2013, 33 % tar-rispondenti qalu li jinkwetaw li jiġu attakkati fiżikament. Fl-2018, dan żdied għal 40 %. "Discrimination and hate crime against Jews in EU Member States: experiences and perceptions of antisemitism", 2013 ([L-Ewwel Stħarriġ tal-FRA 2013](#)); ([It-tieni stħarriġ tal-FRA 2018](#)).

⁹ [Are Jews leaving Europe?](#), ta' Daniel Staetsky, Rapport tal-JPR, Jannar 2017.

¹⁰ [International Migration of Jews](#) ta' Sergio DellaPergola, 2007.

biex jindirizzaw l-antisemitizmu¹¹ u l-politiċizzazzjoni ta' dibattiti pubbliċi madwar id-drawwiet u t-tradizzjonijiet tal-Lhud.

It-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu

Għal dawn l-aħħar 20 sena, l-antisemitiżmu ġie indirizzat bħala parti mill-ħidma tal-Unjoni Ewropea biex tindirizza r-razziżmu¹². Minħabba ż-żieda sinifikanti fl-antisemitiżmu, l-isforzi biex dan jiġi indirizzat aċċelleraw f'dawn l-aħħar snin u l-ġlieda kontra l-antisemitiżmu nġiebet fuq quddiem nett tal-aġenda politika tal-UE. Fl-2015, il-Kummissjoni Ewropea ħatret l-ewwel Koordinatur li qatt kien hemm għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija. F'Ġunju 2017, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-ġlieda kontra l-antisemitizmu¹³ u f'Diċembru 2018, il-Kunsill adotta Dikjarazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-antisemitizmu¹⁴. Biex tappoġġa l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni, il-Kummissjoni waqqfet Grupp ta' Ħidma *ad hoc* dwar il-ġlieda kontra l-antisemitizmu¹⁵, li jlaqqa' flimkien lill-Istati Membri u l-komunitajiet Lhud. F'Diċembru 2019, il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu saret parti mill-portafoll tal-Viċi President tal-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Ĥajja Ewropea tagħna, li wera l-intenzjoni li tiġi indirizzata bħala prijetà trażversali. F'Diċembru 2020, il-Kunsill adotta Dikjarazzjoni oħra ċċentrata fuq l-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu fl-oqsma kollha tal-politika¹⁶. Dan issaħħaħ bl-adozzjoni ta' sensiela ta' strateġiji li jrawmu pakkett tal-Unjoni tal-Ugwaljanza minn lenti intersezzjonali¹⁷.

Il-persistenza u ż-żieda tal-antisemitiżmu jirrikjedu rispons aktar qawwi fil-livell tal-UE. B'din l-istrateġija, l-ewwel waħda tax-xorta tagħha, il-Kummissjoni hija determinata li żżid b'mod sinifikanti l-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u tgħin biex tinholq soċjetà inklużiva bbażata fuq l-ugwaljanza u r-rispett, biex tiġi żgurata perspettiva tajba għall-futur tal-Lhud fl-Ewropa.

Din l-istrateġija hija bbażata fuq konsultazzjoni wiesgħa¹⁸ mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Il-Kummissjoni tistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-atturi u ċ-ċittadini kollha tas-soċjetà ċivili biex **jimpenjaw ruħhom għal futur ħieles mill-antisemitiżmu fl-UE u lil hinn minnha**. Il-Kummissjoni se tidħol fi djalogu regolari mal-Parlament Ewropew u mal-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri biex thegħgeġ azzjoni mġedda fil-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija. B'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali, din l-istrateġija tistabbilixxi l-qafas ta' politika għall-Kummissjoni għall-perjodu 2021-2030 u għandha l-għan li tappoġġa u thegħgeġ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati kollha.

¹¹ 70 % tar-rispondenti [fit-tieni stħarriġ tal-FRA tal-2018](#) jemmnu li l-gvern f'pajjiżhom mhux qed jiġġieled l-antisemitiżmu b'mod effettiv.

¹² Wara l-adozzjoni tad-Direttivi dwar l-Ugwaljanza Razzjali u l-Ugwaljanza fl-Impjiegi fl-2000, il-President tal-Kummissjoni Prodi sejjaħ konferenza dedikata ta' livell għoli fl-2004 "L-Ewropa, kontra l-antisemitiżmu għal Unjoni ta' diversità". Fl-istess sena, iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) żviluppa definizzjoni operattiva tal-antisemitiżmu li aktar tard iffurmat il-bażi għad-definizzjoni operattiva tal-antisemitiżmu tal-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawstu (IHRA).

¹³ [Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu](#).

¹⁴ [Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu](#), is-6 ta' Diċembru 2018.

¹⁵ [Il-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu](#).

¹⁶ [Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu](#), it-2 ta' Diċembru 2020.

¹⁷ Sa mill-2020: L-istrateġija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2020-2025), il-Pjan ta' Azzjoni Kontra r-Razziżmu (2020-2025), il-qafas strateġiku tar-Rom għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni (2020-2030), l-istrateġija tal-ugwaljanza tal-LGBTIQ (2020-2025), l-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà (2021-2030). Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet Task Force għall-Ugwaljanza u ħatret koordinatur kontra r-razziżmu.

¹⁸ Din l-istrateġija hija bbażata [fuq konsultazzjoni wiesgħa](#) li tinkludi l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, il-komunitajiet u l-organizzazzjonijiet tal-Lhud, esperti indipendenti u riċerkaturi, il-FRA, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, u partijiet ikkonċernati oħra (Ara r-Rapport Sommarju [hawn](#)).

B'mod kruċjali, din l-istrategġija tfttex li tmur lil hinn minn biss rispons kontra l-antisemitiżmu u żżid l-azzjoni biex tipprevjenih u tikkumbattih b'mod attiv fil-forom kollha tiegħu, biex tiżgura li l-ħajja Lhudija tkompli tirnexxi f'UE inklużiva u diversa. L-istrategġija tikkonsisti fi tliet pilastri:

1 – Il-prevenzjoni ta' kull forma ta' antisemitiżmu u l-ġlieda kontriha

2 – Il-protezzjoni u s-sostenn tal-ħajja Lhudija fl-UE

3 – L-edukazzjoni, ir-riċerka u t-tifkira tal-Olokaustu

Din l-istrategġija tfttex ukoll li tqiegħed lill-UE fuq quddiem fil-**ġlieda globali kontra l-antisemitiżmu**, billi tikkumplementa miżuri fl-UE bi sforzi internazzjonali bbażati fuq it-tliet pilastri.

Il-forom kollha ta' mibegħda jimminaw il-valur ta' persuna u huma inkompatibbli ma' dak li tirrappreżenta l-UE. Din l-istrategġija hija parti mill-isforzi tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra kull forma ta' mibegħda, diskriminazzjoni u razziżmu. Hija tikkomplementa l-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu 2020-2025, peress li r-razziżmu jista' jiġi kkombinat ukoll mad-diskriminazzjoni u l-mibegħda għal raġunijiet oħra, inkluż ir-reliġjon jew it-twelmin. Dan jeħtieġ li jitqies permezz ta' approċċ intersezzjonali¹⁹ biex verament titwitta t-triq lejn UE ħielsa mill-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija fid-diversità kollha tagħha u biex jinkiseb titjib konkret għan-nies Lhud u l-futur tagħhom fl-Ewropa. F'każijiet speċifiċi, din l-istrategġija se tiegħu nota wkoll tal-aspetti komuni bejn l-esperjenza ta' diskriminazzjoni ta' persuni Lhud u minoranzi etniċi jew reliġjużi oħra.

I. IL-PREVENZJONI U L-ĠLIEDA KONTRA KULL FORMA TA' ANTISEMITIŻMU

“Ejjew niftakru: l-aktar ħaġa li tweġġa' lill-vittma mhijiex il-moħqrija tal-oppressur imma s-silenzju ta' min ikun qed jara kollox mill-ġenb.”

— Elie Wiesel

L-antisemitiżmu kontemporanju jinsab fi gruppi radikali u periferiċi li jħaddnu l-estremiżmu tal-lemin, tax-xellug jew Iżlamiku, jista' jinħeba wara l-anti-Żijoniżmu, iżda jista' jinstab ukoll fiċ-ċentru tas-soċjetà²⁰. Id-diskors u l-imġiba antisemitiċi jistgħu jkun fil-miftuħ jew moħbijin, konxji jew inkonxji. L-antisemitiżmu jista' jieħu l-forma ta' atti illegali, li huma punibbli taħt il-liġi tal-UE u dik nazzjonali. Il-manifestazzjonijiet tal-antisemitiżmu jistgħu jinkludu antisemitiżmu relatat ma' Izrael²¹, l-iktar forma komuni ta' antisemitiżmu li jiltaqgħu magħha online l-Lhud fl-Ewropa llum²². Miti ta' konfoffa antisemitiċi li ilhom jeżistu u d-diżinformazzjoni, għalkemm mhux neċessarjament illegali, huma ta' ħsara. Dawn jipperpetwaw il-preġudizzji u l-isterjotipi u jistgħu jwasslu għal diskriminazzjoni, marġinalizzazzjoni, radikalizzazzjoni u reati ta' mibegħda.

¹⁹ Ara, pereżempju, Graham, D. u Boyd, J., [“Understanding more about antisemitic hate crime: Do the experiences, perceptions and behaviours of European Jews vary by gender, age and religiosity?”](#) - Institute for Jewish Policy Research, 2017.

²⁰ Għal aktar informazzjoni dwar dawk li jipperpetwaw l-antisemitiżmu, ara [t-Tieni Stħarriġ tal-FRA 2018](#).

²¹ Terminoloġija użata minn bosta partijiet ikkonċernati, skont id-definizzjoni tal-IHRA, eż. meta ċ-ċittadini Lhud jiġu akkużati li huma aktar leali lejn Iżrael, jew lejn l-allegati prijoritajiet tal-Lhud madwar id-dinja, milli lejn l-interessi tan-nazzjonijiet tagħhom stess; filwaqt li jsostnu li l-eżistenza tal-Istat ta' Iżrael hija proġett razzist; iż-żamma tal-Lhud kollettivament responsabbli għal azzjonijiet tal-istat ta' Iżrael.

²² 79 % tal-Lhud Ewropej iħossuhom akkużati għal xi ħaġa li saret mill-Istat ta' Iżrael. 69 % jgħidu li l-kunflitt bejn l-Għarab u Iżrael għandu impatt fuq is-sens ta' sikurezza ([it-Tieni Stħarriġ tal-FRA 2018](#)).

Mill-2017, il-Kummissjoni bdiet tuża d-definizzjoni operattiva tal-antisemitiżmu li ma hijiex legalment vinkolanti tal-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawstu (definizzjoni tal-IHRA)²³ bħala għodda ta' gwida Prattika u bażi għall-ħidma tagħha biex tiġġieled l-antisemitizmu²⁴. Id-definizzjoni tal-IHRA hija l-punt ta' riferiment għall-promozzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u ċċentrat fuq il-vittmi²⁵. F'Jannar 2021, il-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-IHRA ppubblikat il-*"Handbook for the practical use of the IHRA working definition of antisemitism"*²⁶, li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn prattiki tajbin minn madwar l-Ewropa dwar l-użu tad-definizzjoni mill-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, is-soċjetà ċivili u l-komunitajiet tal-Lhud²⁷.

1.1. Il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu fl-oqsma tal-politika u l-mobilizzazzjoni tal-fondi tal-UE

L-indirizzar tal-antisemitiżmu huwa sfida kumplessa. Il-manifestazzjonijiet multidimensjonali tiegħu u l-prevalenza tiegħu fl-ispettru soċjali u politiku jeħtieġu rispons komprensiv, li jvarja minn qafas legali sod li jkun infurzat sewwa, għal aspetti ta' sigurtà u politiki ta' edukazzjoni u inklużjoni, biex insemmu biss ftit.

Il-Kummissjoni għalhekk se tqis il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu b'mod sistemiku meta tiżviluppa politiki, leġislazzjoni u programmi ta' finanzjament, u tistieden lil istituzzjonijiet oħra tal-UE biex jikkoperaw fit-tisħiħ tal-għodod u l-prattiki ta' integrazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri diġà impenjaw ruħhom li jipprevjenu u jiġġieldu kull forma ta' antisemitiżmu permezz ta' strateġiji nazzjonali ġodda, jew miżuri taħt strateġiji nazzjonali eżistenti u/jew pjanijiet ta' azzjoni għall-prevenzjoni tar-razziżmu, il-ksenofobija, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti²⁸. Sabiex ikollhom impatt, dawn l-istrateġiji għandhom jinkludu azzjonijiet immirati u jiġu appoġġati bil-finanzjament xieraq. L-adozzjoni tad-definizzjoni tal-IHRA²⁹ u l-ħatra ta' rappreżentanti speċjali jew koordinaturi mill-Istati Membri kollha huma wkoll passi meħtieġa għal azzjoni effettiva fil-livell nazzjonali.

L-involviment imsaħħaħ ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u komunitajiet Lhud huwa kruċjali biex l-istrateġija tkun ta' suċċess. Il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb il-kooperazzjoni attiva magħhom u tipprovdi appoġġ finanzjarju għal inizjattivi fl-oqsma kollha koperti mill-istrateġija.

Se jiġu segwiti azzjonijiet immirati permezz ta' varjetà wiesgħa ta' programmi ta' finanzjament tal-UE³⁰, b'mod partikolari, **il-programm taċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-**

²³ Id-definizzjoni tiddikjara: *L-antisemitiżmu huwa ċerta perċezzjoni tal-Lhud, li tista' tiġi espressa bħala mibegħda lejn il-Lhud. Il-manifestazzjonijiet retorici u fiżiċi tal-antisemitiżmu huma diretti lejn individwi Lhud jew mhux Lhud u/jew il-proprjetà tagħhom, lejn istituzzjonijiet tal-komunità Lhudija u l-faċilitajiet reliġjużi tal-Lhud.* Id-[definizzjoni tal-IHRA](#) tinkludi għadd ta' eżempji illustrattivi.

²⁴ Id-definizzjoni tal-IHRA ġiet approvata mid-Dikjarazzjonijiet tal-Kunsill tal-2018 u l-2020 u mir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2017. Din tintuża għall-edukazzjoni, it-taħriġ u għall-iżvelar tal-antisemitiżmu u ma għandha l-ebda effett fuq id-definizzjonijiet legali tal-UE jew dawk nazzjonali li jiddeterminaw sa liema punt l-imġiba jew id-diskors jikkostitwixxu diskriminazzjoni illegali, diskors ta' mibegħda, motivazzjoni preġudikata għal reat ta' mibegħda jew manifestazzjonijiet illegali tal-antisemitiżmu.

²⁵ Definizzjonijiet oħra tal-antisemitiżmu ġew żviluppati dan l-aħħar, bħad-Dokument Nexus (2020) u d-Dikjarazzjoni ta' Ġerusalem dwar l-Antisemitiżmu (2021).

²⁶ [Handbook for the practical use of the IHRA working definition of antisemitism](#).

²⁷ [Il-General Policy Recommendations on preventing and combating Antisemitism](#) ippubblikati mill-Kummissjoni kontra r-Razziżmu tal-Kunsill tal-Ewropa (ECRI) fl-14 ta' Settembru 2021 jistgħu jservu wkoll bħala referenza utli.

²⁸ [Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu](#), it-2 ta' Diċembru 2020.

²⁹ [L-Istati Membri tal-UE li diġà adottaw jew approvaw id-definizzjoni tal-IHRA](#): l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, ir-Rumanija, l-Iżvezja, is-Slovakkja u s-Slovenja.

³⁰ Skont il-qafas finanzjarju pluriennali attwali għall-2021-2027.

drittijiet u l-valuri (CERV)³¹, li b'baġit ta' **EUR 1,55 biljun huwa l-akbar programm ta' finanzjament tal-UE li qatt ippromwova d-drittijiet fundamentali**. Barra minn hekk, se jiġu appoġġati azzjonijiet rilevanti permezz ta' programmi tal-UE bħall-programm Ġustizzja, l-Orizzont Ewropa, l-Ewropa Kreattiva, l-Erasmus+, il-Fond għas-Sigurtà Interna, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA). Barra minn hekk, permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Kummissjoni tista' tiffinanzja riformi strutturali fl-Istati Membri, inkluż abbażi ta' ħafna pajjiżi, biex ittejjeb il-kooperazzjoni u tibni fuq l-aħjar prattiki fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-antisemitiżmu.

L-azzjonijiet tal-Istati Membri kollha meħuda għall-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE għandhom jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. B'mod partikolari, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li tipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata, fost l-oħrajn, fuq l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, għandha tiġi rispettata matul it-tnejn, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tal-programmi. Fil-każ ta' ksur tar-regoli tal-UE kontra d-diskriminazzjoni, inkluża d-diskriminazzjoni ta' persuni Lhud fuq il-bażi tar-reliġjon jew l-etniċità tagħhom, il-finanzjament jista' jiġi sospiż. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jissorveljaw ir-rispett ta' dawn ir-regoli għall-programmi kollha ffinanzjati mill-UE.

Biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija u tgħin biex tikkoordina l-isforzi tal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tifformalizza l-**Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu** bħala struttura permanenti li tiġbor flimkien lill-Istati Membri, lir-rappreżentanti tal-komunitajiet Lhud u lil partijiet ikkonċernati oħra.

L-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) se tappoġġa wkoll lill-UE u lill-Istati Membri b'evidenza, assistenza u għarfien espert fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija u ta' strateġiji nazzjonali jew pjanijiet ta' azzjoni dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Torganizza forum annwali tas-**soċjetà ċivili dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu**, li jlaqqa' flimkien lil rappreżentanti mill-Kummissjoni u minn komunitajiet Lhud, mis-soċjetà ċivili u minn partijiet ikkonċernati oħrajn biex joħlqu rabtiet u jimmassimizzaw l-effett ta' azzjonijiet konġunti u finanzjament mill-UE.
- Tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri **fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali** dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu jew id-diskriminazzjoni, permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku³² u tivvalutahom sa tmiem l-2023.

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- **Jiżviluppaw strateġiji nazzjonali** sa tmiem l-2022 dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu, jew jinkludu miżuri fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom kontra r-razziżmu, u jipprovdu **finanzjament suffiċjenti** biex jimplimentawhom.
- **Jadottaw u jużaw id-definizzjoni tal-antisemitiżmu tal-IHRA** u jħeġġu lill-awtoritajiet lokali, lir-reġjuni, lill-ibliet, u lil istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet oħrajn biex jagħmlu l-istess.
- **Jaħtru rappreżentanti/koordinaturi speċjali** għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u

³¹ [C\(2021\) 2699 final](#); [Programm CERV](#).

³² [Ir-Regolament \(UE\) 2021/240](#).

1.2. Il-ġlieda kontra diskors u reati ta' mibegħda antisemiċi

Il-poplu Lhudi huwa l-mira ewlenija ta' reati mwettqa minħabba preġudizzju antisemitiku³³. Madankollu, manifestazzjonijiet retorici u fiżiċi tal-antisemitiżmu jistgħu jkunu diretti wkoll lejn individwi li ma humiex Lhud³⁴.



71 % tal-Lhud li kultant iġorru jew juru oġġetti li jistgħu jidentifikawhom bħala Lhud jevitaw li jagħmlu dan għall-inqas okkażjonalment³⁵.

44 % taż-żgħażaġ Ewropej Lhud esperjenzaw fastidju antisemitiku³⁶.



Id-Deċiżjoni Qafas tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija permezz tal-liġi kriminali³⁷ tipprovdi qafas legali sod biex jiġu miġġielda reati u diskors ta' mibegħda antisemitika, inklużi t-tolleranza pubblika, iċ-ċaħda jew il-banalizzazzjoni kbira tal-Olokawstu b'mod li jista' jinċita għall-vjolenza jew il-mibegħda. It-traspożizzjoni sħiħa u korretta tagħha hija prijorità għall-Kummissjoni³⁸. L-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura għandhom rwol kruċjali fl-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda (inkluża d-Deċiżjoni Qafas) u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-vittmi. Biex tkompli ssaħħaħ il-qafas legali, fl-2021 il-Kummissjoni se tintroduċi inizjattiva biex testendi l-lista tar-“reati tal-UE” biex tkopri reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda³⁹.

Il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri permezz tal-Grupp ta' Livell Għoli biex jiġu miġġielda r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza⁴⁰ u tikkopera mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), FRA⁴¹, in-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN), l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiżviluppaw taħriġ u bini tal-kapaċità għall-persunal tal-infurzar tal-liġi u għall-ġudikatura, itejbu r-reġistrazzjoni ta' reati ta' mibegħda u l-ġbir ta' data, kif ukoll biex

³³ L-[Antisemitism: Overview of antisemitic incidents recorded in the European Union 2009-2019](#) juri li l-Istati Membri jirreġistraw eluf ta' inċidenti rreġistrati uffiċjalment kull sena, kif jagħmlu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fil-qasam.

³⁴ F'konformità [mad-definizzjoni tal-IHRA tal-antisemitiżmu](#).

³⁵ [It-Tieni Stħarriġ tal-FRA 2018](#).

³⁶ [Young Jewish Europeans: perceptions and experiences of antisemitism](#), FRA, 2019.

³⁷ [Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008](#)

³⁸ Minn Ottubru 2020, il-Kummissjoni nediet diversi proċedimenti ta' ksur biex tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa u korretta tad-Deċiżjoni Qafas mill-Istati Membri.

³⁹ Fl-Artikolu 83 tat-TFUE.

⁴⁰ <https://ec.europa.eu/newsroom/just/items/51025/mt>

⁴¹ [Encouraging hate crime reporting - The role of law enforcement and other authorities](#), FRA, 2021.

jinkoraġġixxu lill-vittmi jirrappurtaw reati ta' mibegħda u jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-komunitajiet Lhud.

L-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-2025)⁴² għandha l-għan li tiżgura li l-vittmi tal-kriminalità, inklużi ta' reati ta' mibegħda antisemitiċi, ikunu jistgħu jiddependu bis-sħiħ fuq id-drittijiet tagħhom u jkunu protetti kontra vittimizzazzjoni sekondarja⁴³. **L-istrutturi ta' appoġġ għall-vittmi ta' inċidenti antisemitiċi madwar l-Ewropa ta' spiss ma jkunux adegwati.** L-Istati Membri huma mhegħa jistabbilixxu servizzi ta' appoġġ speċjalizzati integrati u mmirati għall-aktar vittmi vulnerabbli, inkluż għall-vittmi ta' reati ta' mibegħda antisemitika. Huma għandhom jiżguraw ukoll taħriġ speċifiku dwar in-nondiskriminazzjoni għall-pulizija u għal persuni oħra li jiġu f'kuntatt ma' vittmi ta' reat ta' mibegħda antisemitika.

Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja l-implimentazzjoni tad-**Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi**⁴⁴, li tiżgura li l-vittmi kollha tal-kriminalità ikollhom drittijiet, inkluż aċċess għal servizzi ta' appoġġ speċjalizzati u miżuri ta' protezzjoni li jikkorrispondu mal-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltà individwali tagħhom. **Bl-istrateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021-2024**⁴⁵, il-Kummissjoni tappoġġa t-taħriġ tal-professjonisti tal-ġustizzja biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi applikata b'mod korrett, u li l-professjonisti jkunu mgħammra bil-ħiliet rilevanti. Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll **l-iżvilupp ta' taħriġ kif ukoll materjali dwar l-antisemitiżmu** u tagħmilhom disponibbli fuq il-**"Pjattaforma Ewropea għat-Taħriġ"**⁴⁶ tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika. **Bl-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal**⁴⁷, il-Kummissjoni għandha l-għan li tintegra d-drittijiet tat-tfal fil-politiki kollha tal-UE, biex tipproteġi aħjar lit-tfal li huma vittmi ta' diskriminazzjoni, inkluż abbażi ta' reliġjon jew twemmin.

Data affidabbli u komparabbli dwar inċidenti antisemitiċi hija kruċjali biex jiġi vvalutat it-tixrid tal-antisemitiżmu fl-Ewropa u biex jiġi indirizzat b'mod effettiv⁴⁸. Ir-reġistrazzjoni ta' inċidenti rappurtati hija ta' spiss inkonsistenti billi l-Istati Membri jużaw metodoloġiji differenti u d-**data** għalhekk ma tkunx tista' titqabbel. Fil-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija, **il-FRA se tgħin lill-Istati Membri jtejbu u jallinjaw il-metodoloġiji tagħhom** għar-reġistrazzjoni u l-ġbir ta' **data** dwar reati ta' mibegħda, inkluż dwar l-antisemitiżmu.

In-nuqqas ta' rappurtar huwa sfida: 79 % tal-Lhud li ġew mistħarrġa ma rappurtawx l-iktar inċident antisemitiku serju tagħhom lil xi organizzazzjoni⁴⁹. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jagħmluha eħfef għall-vittmi ta' reati ta' mibegħda antisemitika u ta' diskors ta' mibegħda biex jirrappurtaw inċidenti, billi joffru varjetà ta' kanali, sabiex iżidu l-livell ta' rappurtar u jtejbu r-reġistrazzjoni ta' inċidenti bħal dawn.

Azzjonijiet ewlenin:

⁴² [COM\(2020\) 258 final](#).

⁴³ Il-vittimizzazzjoni sekondarja tista' tiġi ddefinita bħala konsegwenzi negattivi għall-vittmi li jistgħu jirriżultaw mill-parteċipazzjoni tagħhom fi proċedimenti kriminali, inkluż l-esponiment tal-vittmi għal kuntatti ma' min ikun wettaq ir-reat, mal-awtoritajiet ġudizzjarji u/jew mal-pubbliku ġenerali.

⁴⁴ [Id-Direttiva 2012/29/UE](#).

⁴⁵ [COM\(2020\) 713 final](#).

⁴⁶ [Il-Pjattaforma Ewropea għat-Taħriġ \(ETP\)](#).

⁴⁷ [COM\(2021\) 142 final](#).

⁴⁸ [Il-Ġermanja](#) u r [-Renju Unit](#) jiffinanzjaw lill-NGOs li jirreġistraw inċidenti antisemitiċi bl-użu ta' metodoloġija miftiehma mal-pulizija. Dawn l-NGOs huma marbuta mal-istrutturi komunitarji tal-Lhud u jikkontribwixxu għall-istatistika uffiċjali tal-pulizija.

⁴⁹ [It-Tieni Stħarriġ tal-FRA 2018](#).

Il-Kummissjoni se:

- Tappoġġa lill-organizzazzjonijiet u l-proġetti biex jiġġieldu u **jirreġistraw diskors u reati ta' mibegħda antisemitiċi** permezz tal-programm CERV.
- Tgħin lill-Istati Membri jiżguraw li **servizzi ta' appoġġ integrati u mmirati** jkunu disponibbli u aċċessibbli għall-vittmi ta' reati ta' mibegħda antisemitika, inkluż permezz ta' finanzjament mill-UE.
- Issaħħaħ l-appoġġ għal **programmi ta' taħriġ u attivitajiet ta' bini ta' kapaċità dwar l-indirizzar tal-antisemitiżmu għal professjonisti tal-ġustizzja u l-infurzar tal-liġi**, inkluż permezz tan-*Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju* (EJTN) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL).

L-Istati Membri huma mhegħa li:

- Ilestu malajr it-**traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas** dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija u jipproċedu kontra diskors u reati ta' mibegħda antisemitika f'konformità mal-leġislazzjoni tal-UE u dik nazzjonali.
- Jikkoordinaw mill-qrib mal-EJTN u s-CEPOL u jikkooperaw ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar **attivitajiet ta' taħriġ** biex jindirizzaw l-antisemitiżmu.

1.3. L-indirizzar tal-antisemitiżmu online

L-antisemitiżmu huwa mifruq online⁵⁰ u jista' jwassal għal radikalizzazzjoni u attakki fiżiċi. Id-diskors antisemitiku - kemm online kif ukoll offline - li jinċita l-vjolenza u l-mibegħda huwa kkriminalizzat taħt id-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija. L-isterjotipi antisemitiċi, il-miti ta' konfokka u d-diżinformazzjoni, għalkemm mhux neċessarjament illegali, huma ta' ħsara. Mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, l-antisemitiżmu fuq l-internet żdied drastikament⁵¹. Sabiex tiġi indirizzata din il-problema b'mod effettiv, hija meħtieġa aktar informazzjoni dwar kif il-kontenut antisemitiku jivvjaġġa online u dwar l-isfondi u l-motivazzjonijiet ta' dawk li jaqsmu tali kontenut. Jeħtieġ ukoll li jinstabu metodi ġodda u innovattivi biex jiġu indirizzati d-diskriminazzjoni u l-mibegħda ċibernetika antisemitika.

Is-simboli, il-memorabilia u l-letteratura relatati man-Nazisti kif ukoll il-permutazzjonijiet kontemporanji tagħhom huma faċilment aċċessibbli online. Il-wiri u l-bejgħ ta' prodotti bħal dawn jistgħu jikkostitwixxu diskors ta' mibegħda taħt liġijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Deċiżjoni Qafas meta jinċitaw pubblikament il-mibegħda u l-vjolenza. Madankollu, anke jekk dan ma huwiex il-każ, tali disponibbiltà online tista' tipperpetwa l-ideoloġija Nazista u tistimula subkultura antisemitika. Id-djalogu mal-kumpaniji tal-industrija u tal-IT jeħtieġ li jissaħħaħ, billi jkun ibbażat fuq l-esperjenza tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-ġlieda kontra diskors illegali ta' mibegħda online, biex tiġi żgurata l-koooperazzjoni tagħhom biex jiġu evitati l-wiri u/jew il-bejgħ ta' oġġetti bħal dawn.

Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva⁵² tistipula li l-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri ta' pjattaformi għall-kondiviżjoni ta' vidjows jieħdu l-miżuri xierqa biex jipproteġu lill-pubbliku ġenerali minn kontenut awdjoviżiv u minn komunikazzjonijiet

⁵⁰ 89 % tal-Lhud Ewropej mistħarrġa jqisu li l-antisemitiżmu huwa l-akbar problema online, bi 80 % li jgħidu li d-dikjarazzjonijiet antisemitiċi kienu l-aktar lingwa tossika komuni li ltaqgħu magħha. ([It-tieni stħarriġ tal-FRA 2018](#)). Il-Lhud huma l-mira ewlenija ta' lingwa tossika online (li tvarja minn 6,3 % sa 27,9 % tal-każijiet skont il-pjattaforma). Studju: [Heroes and scapegoats](#), 2021.

⁵¹ [The rise of antisemitism online during the pandemic](#) huwa studju li sab li l-posts antisemitiċi żdiedu b'seba' darbiet fuq il-kontijiet bil-lingwa Franċiża, u b'aktar minn 13-il darba fuq dawk Ġermaniżi matul il-pandemija.

⁵² [Id-Direttiva 2010/13/UE](#).

kummerċjali li fihom inċitament għall-vjolenza jew il-mibegħda, inkluż kontenut antisemitiku. Il-proposta għal **Regolament dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali**⁵³ tistabbilixxi obbligi ta' diliġenza dovuta ċari u armonizzati għal pjattaformi online, inklużi proċeduri ta' avviż u azzjoni għal kontenut u prodotti illegali, li jagħtu s-setgħa lill-utenti jirrappurtaw diskors ta' mibegħda b'mod faċli u effettiv. Barra minn hekk, fir-rigward ta' pjattaformi online kbar ħafna, il-proposta tiffoka fuq l-indirizzar tal-lakuni li jifdal li jippermettu mgħiba illegali u ta' ħsara online, b'mod partikolari kontra gruppi vulnerabbli.

Il-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online⁵⁴ huwa kollaborazzjoni volontarja bejn il-Kummissjoni u kumpaniji tal-IT biex jipprevjenu t-tixrid ta' diskors ta' mibegħda illegali, inkluż dak antisemitiku. Biex tiffaċilita azzjoni integrata mill-Istati Membri tal-UE mmirata lejn gruppi u individwi li jxerrdu kontenut ta' mibegħda u terroriżmu online, l-Europol tikkoordina ġranet ta' azzjoni madwar l-Ewropa kollha li għandhom fil-mira diskors ta' mibegħda razzista u ksenofobika online⁵⁵ u kontenut estremista vjolenti u terroristiku online, inkluż kontenut antisemitiku.

Skont il-pjan ta' azzjoni dwar id-diżinformazzjoni⁵⁶ u l-pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea⁵⁷, l-Kummissjoni u s-SEAE se jkomplu jagħtu attenzjoni speċifika għall-analiżi u r-rispons għal kampanji ta' diżinformazzjoni, diskors ta' mibegħda, inċitament għall-vjolenza u retorika estremista, inkluż permezz tat-Task Force tas-SEAE East StratCom. Barra minn hekk, il-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni⁵⁸ qed jissahħa⁵⁹ u qed jikkontribwixxi wkoll għall-ġlieda aħjar kontra l-antisemitiżmu online. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-pjattaformi online biex japplikaw il-Kodiċi ta' Kondotta u l-Kodiċi ta' Prattika.

It-teknoloġiji l-ġodda jgħibu opportunitajiet ġodda biex itejbu l-ħajjiet tan-nies, iżda jistgħu wkoll jaggravaw id-diskriminazzjoni u jamplifikaw il-kontenut dannuż online, inkluż il-kontenut antisemitiku. **L-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA)**⁶⁰ għandu l-għan li jipprevjeni sistemi ta' IA b'riskju għoli milli jxerrdu d-diskriminazzjoni u l-preġudizzju, inkluż il-mibegħda antisemitika. L-algoritmi tal-IA jistgħu jintużaw ukoll biex isaħħu messaġġi pożittivi u kontronarrattivi billi jgħibu flimkien esperti biex jindirizzaw l-antisemitiżmu, il-miti ta' konfoffa u ċ-ċaħda jew id-distorsjoni tal-Olokawstu online.

Azzjonijiet ewlenin:

⁵³ [COM\(2020\) 825 final.](#)

⁵⁴ [Il-Kodiċi ta' Kondotta għall-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda illegali online.](#)

⁵⁵ [Stopping Hate Speech Online: Europol Coordinates First Europe-Wide Action Day](#), il-5 ta' Novembru 2020.

⁵⁶ [JOIN\(2018\) 36 final.](#)

⁵⁷ [COM\(2020\) 790 final.](#)

⁵⁸ [Il-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni.](#)

⁵⁹ [COM\(2021\) 262 final.](#)

⁶⁰ [COM\(2021\) 206 final.](#)

Il-Kummissjoni se:

- Issaħħaħ il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu online billi tappoġġa t-twaqqif ta' **network madwar l-Ewropa kollha ta' sinjalaturi fdati u organizzazzjonijiet Lhud**, f'konformità mal-Kodiċi ta' kondotta. Se tappoġġa wkoll l-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali u ċ-ċentri nazzjonali tiegħu biex **iżidu l-kapaċità tal-verifikaturi tal-fatti tagħhom** dwar id-diżinformazzjoni u se taħdem ma' organizzazzjonijiet indipendenti biex jiżviluppaw **kontronarrattivi**, inkluż f'lingwi mhux tal-UE.
- Torganizza **Hackathon** biex tiffaċilita skambji bejn esperti biex jiżviluppaw modi innovattivi ġodda biex jindirizzaw l-antisemitiżmu fl-ambjent online u diġitali.
- Tikkoopera mal-industrija u ma' kumpaniji tal-IT biex **tevieta l-wiri illegali u l-bejgħ ta' simboli, memorabilja u letteratura relatati man-Nazisti** online.
- Twettaq **analiżi komprensiva tad-data** biex tifhem aħjar it-tixrid tal-antisemitiżmu online, kif jivvjaġġa u jespandi.
- Tindirizza d-diskors ta' mibegħda antisemitiku fl-istrateġija aġġornata li jmiss tal-**internet aħjar għat-tfal**.

L-Istati Membri huma mhegħa:

- **Jappoġġaw, inkluż finanzjarjament, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** fil-ġlieda kontra diskors ta' mibegħda antisemitika, diżinformazzjoni u miti ta' konfossa online, f'lingwi rilevanti.
- **Isaħħu l-kapaċità** tal-infurzar tal-liġi nazzjonali u tal-awtoritajiet ġudizzjarji biex jipproċedu kontra diskors ta' mibegħda online.

1.4. Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni antisemitika

Il-Lhud jinsabu fir-riskju li jesperjenzaw diskriminazzjoni, b'mod partikolari meta jistgħu jiġu identifikati bħala Lhud, jiġifieri meta jilbsu *kippah* jew ġiżirana bl-Istilla ta' David jew meta jirkellmu bil-miftuħ dwar l-identità Lhudija tagħhom. Jistgħu jkunu f'riskju ta' diskriminazzjoni meta japplikaw għal xogħol jew fuq il-post tax-xogħol u f'oqsma oħra bħall-edukazzjoni, is-saħħa jew l-akkomodazzjoni. Il-liġi tal-UE tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, inkluż l-antisemitiżmu. B'mod partikolari, id-**Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali**⁶¹ toffri protezzjoni għal-Lhud kontra d-diskriminazzjoni (inkluż il-fastidju) ibbażata fuq "l-orijini razzjali jew etnika" f'ċerti oqsma tal-hajja⁶² u d-**Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi**⁶³ toffri protezzjoni għal-Lhud kontra d-diskriminazzjoni jew il-fastidju abbażi tar-reliġjon jew it-twemmin fil-qasam tal-impjieg.

Il-korpi nazzjonali għall-ugwaljanza jippromwovu, janalizzaw, jissorveljaw u jappoġġaw it-trattament ugwali. Sal-2022, il-Kummissjoni se tipproponi leġislazzjoni ġdida biex issaħħaħ ir-rwol tagħhom. Il-Karti tad-Diversità jinkoraġġixxu lill-organizzazzjonijiet jiżviluppaw u jimplimentaw politiki dwar id-diversità u l-inklużjoni fuq il-post tax-xogħol. Il-Pjattaforma tal-UE tal-Karti tad-Diversità twaqqfet biex tippermetti li l-karti eżistenti jiskambjaw u jaqsmu l-esperjenza u l-prattiki tajbin⁶⁴. Għandhom ukoll jindirizzaw b'mod sistematiku l-isfidi speċifiċi tal-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra l-antisemitiżmu fuq il-post tax-xogħol.

⁶¹ [Id-Direttiva 2000/43/KE.](#)

⁶² L-impjiegi u t-taħriġ vokazzjonali, il-protezzjoni soċjali, inklużi s-sigurtà soċjali, il-vantaġġi soċjali, l-edukazzjoni, u l-aċċess għal u l-provvista ta' oġġetti u servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni.

⁶³ [Id-Direttiva 2000/78/KE.](#)

⁶⁴ [Il-Pjattaforma tal-UE tal-Karti dwar id-Diversità](#)

Id-data dwar l-ugwaljanza relatata mal-Lhud hija relattivament skarsa minħabba s-sensittività tal-ġbir ta' *data* bbażata fuq l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, u minħabba li l-Lhud Ewropej huma grupp pjuttost żgħir li jwassal għal *data* aggregata inqas disponibbli minn sħarriġ akbar. Il-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-Nondiskriminazzjoni, l-Ugwaljanza u d-Diversità, permezz ta' sottogrupp dedikat, jappoġġa lill-Istati Membri fil-ġbir ta' *data* biex jgħin hom janalizzaw l-istat tal-ugwaljanza, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali⁶⁵. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se twettaq sensiela ta' azzjonijiet biex tindirizza l-isterjotipi razzjali u etniċi mal-midja, is-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti ta' persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju u se tniedi azzjoni biex tiżgura approċċ konsistenti lejn il-ġbir ta' *data* dwar l-ugwaljanza, b'mod partikolari fir-rigward ta' *data* diżaggregata skont l-orijini razzjali jew etnika⁶⁶.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Tipproponi **standards vinkolanti għall-korpi nazzjonali għall-ugwaljanza** sal-2022 u tikkopera ma' **Equinet⁶⁷ u ma' korpi għall-ugwaljanza** biex iżżid l-għarfien tagħhom dwar l-antisemitiżmu.
- Tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' **riformi** mmirati biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni fl-iskejjel b'mod ġenerali - u l-antisemitiżmu b'mod partikolari - fl-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, inkluż fuq bażi ta' ħafna pajjiżi sabiex tiffaċilita kooperazzjoni aktar b'saħħitha u tibni fuq l-aħjar prattiki.
- Tinkludi *data* relatata mal-antisemitiżmu u mal-Lhud fl-UE fil-**ġbir u l-użu ta' data dwar l-ugwaljanza** abbażi tal-orijini razzjali jew etnika u r-reliġjon jew it-twelmin.

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- Jiżguraw li l-**korpi nazzjonali għall-ugwaljanza jkunu mgħammra b'mod adegwat** biex jiżguraw li l-inċidenti ta' diskriminazzjoni antisemitika jiġu indirizzati u rrapportati kif xieraq
- **Jindirizzaw id-diskriminazzjoni antisemitika** fl-oqsma kollha, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi, is-saħħa u l-akkomodazzjoni permezz ta' azzjonijiet immirati bħal taħriġ u sensibilizzazzjoni.

1.5. Il-Kummissjoni Ewropea tmexxi bl-eżempju

Bħala parti mill-istrateġija tar-riżorsi umani tagħha stess, il-Kummissjoni se tkompli tistinka għal **ambjent tax-xogħol inklużiv⁶⁸ u divers ħieles mill-antisemitiżmu**, permezz ta' politiki ta' diversità u ugwaljanza li jipprevjenu l-fastidju, id-diskriminazzjoni u kull forma ta' razziżmu. B'mod partikolari, se tkompli toħloq sensibilizzazzjoni fost il-persunal tagħha dwar l-antisemitiżmu u kif għandu jiġi miġġieled, u żżid il-fehim tal-ħajja u l-kultura Lhudija, inkluż bħala parti minn fokus ġenerali fuq il-valuri ewlenin Ewropej bħar-rispett għall-gruppi minoritarji. It-taħriġ se jkopri wkoll preġudizzji inkuxjenti inklużi daww ibbażati fuq perċezzjonijiet ta' reliġjon jew twelmin. Il-Kummissjoni se tibqa' tfakkar l-Olokawstu b'avvenimenti interni għall-persunal u b'inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u se tkompli tospita l-Euro-Chanukah annwali⁶⁹ biex tirrikonoxxi d-diversità fost il-persunal. Il-Kummissjoni

⁶⁵ [Sottogrupp dwar id-data dwar l-Ugwaljanza, FRA, 2019.](#)

⁶⁶ [Pjan ta' azzjoni kontra r-razziżmu, COM\(565\) final.](#)

⁶⁷ Network Ewropew ta' Korpi għall-Ugwaljanza.

⁶⁸ Il-Kummissjoni Ewropea waqqfet l-Uffiċċju tagħha għad-Diversità u l-Inklużjoni f'Novembru 2020.

⁶⁹ [Iċ-ċelebrazzjoni Lhudija tad-dawl.](#)

tistieden lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE biex huma wkoll jieħdu passi biex irawmu d-diversità u l-inklużjoni fil-postijiet tax-xogħol rispettivi tagħhom.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Tkompli ssegwi **approċċ ta' tolleranza żero għal inċidenti ta' antisemitiżmu** fl-istituzzjoni, billi tuża d-definizzjoni tal-IHRA bħala referenza.
- Tipprovdi **taħriġ għal persunal immirat** bħal professjonisti tar-riżorsi umani biex jirrikonoxxu l-antisemitiżmu bbażat fuq id-definizzjoni tal-IHRA u torganizza żjarat ta' studju meta rilevanti, pereżempju f'Israel.
- Tinkoraġġixxi l-użu ta' **arranġamenti tax-xogħol** flessibbli biex takkomoda l-osservanza ta' vaganzi reliġjużi għall-persunal kollu tagħha.
- Tistieden lill-iskejjel Ewropej jiżguraw li l-istudenti kollha jitgħallmu dwar il-ħajja Lhudija fl-Ewropa, l-Olokawstu u l-antisemitiżmu, u **jfakkru l-Jum Internazzjonali annwali ta' Tifkira tal-Olokawstu**, inkluż permezz ta' żjarat potenzjali f'siti ta' tifkira.

II. IL-PROTEZZJONI U S-SOSTENN TAL-ĦAJJA LHUDIJA FL-UE

“Nibża’ li għext għal żmien twil biżżejjed biex nara affarijiet li ħsibt li l-Istorja finalment kienet twarrbet, iżda li kienu biss inattivi.”

— **Liliana Segre (superstitu tax-Shoah)**

Sabiex il-Lhud jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja Ewropea, huwa essenzjali li jħossuhom sikuri. Madankollu, is-sigurtà hija t-tħassib ewlieni għall-komunità Lhudija⁷⁰. 38 % tal-Lhud ikkunsidraw li jemigraw għax ma jħossuhomx siguri bħala Lhud fl-UE⁷¹.



Terz (34 %) tal-Lhud jevitaw li jżuru avvenimenti jew siti Lhud tal-anqas okkażjonalment għax **ma jħossuhomx siguri hemmhekk** jew fi triqithom hemm⁷².

Diversi attacchi terroristiċi letali madwar l-Ewropa wrew li l-postijiet Lhud ma humiex dejjem protetti b'mod adegwat. Għalkemm huma l-awtoritajiet nazzjonali li huma responsabbli għall-protezzjoni taċ-ċittadini kollha, ħafna mill-komunitajiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Lhud kellhom jagħmlu investimenti sinifikanti fil-miżuri ta' sigurtà tagħhom stess.

2.1. Il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu mmirati kontra l-Lhud

L-Istrateġija dwar l-Unjoni tas-Sigurtà 2020-2025⁷³ għandha l-għan li tiżgura s-sigurtà għal kulħadd fl-UE, f'konformità mal-valuri u l-prinċipji tal-UE. L-Aġenda Kontra t-

⁷⁰ 47 % tal-Lhud Ewropej jinkwetaw li jisfaw vittma ta' insulti jew ta' fastidju verbali antisemitiku u 40 % li jiġu attakkati fiżikament fit-12-il xahar li ġejjin. ([It-Tieni Stħarriġ tal-FRA 2018](#))

⁷¹ [It-Tieni Stħarriġ tal-FRA 2018](#).

⁷² [It-Tieni Stħarriġ tal-FRA 2018](#).

⁷³ [COM\(2020\) 605 final](#).

Terroriżmu tal-2020⁷⁴, issaħħaħ il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti u tagħti spinta lir-reżiljenza tal-UE għal theddid terroristiku.

Skont il-pjan ta' azzjoni tal-2017 li jappoġġa l-protezzjoni ta' spazji pubbliċi inklużi postijiet ta' qima⁷⁵, ġew żviluppati diversi materjali ta' gwida⁷⁶, għodod u taħriġ⁷⁷ mill-Kummissjoni biex tappoġġa l-idma tal-Istati Membri u l-komunitajiet ta' fidi f'dan il-qasam. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2021 dwar il-protezzjoni tal-ispacejji pubbliċi⁷⁸ enfasizzaw li l-postijiet ta' qima jitolbu miżuri ta' protezzjoni speċifiċi.

Jeħtieġ li tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-mexxejja u l-kongregazzjonijiet ibbażati fuq il-fidi, inklużi dawk Lhud, biex jittejjeb il-livell tal-għarfien dwar is-sigurtà u jiżiedu l-impenn u r-reżiljenza tal-komunità permezz ta' attivitajiet ta' bini ta' fiduċja. Dan jipprovwovi prattiki tajbin u taħriġ fil-protezzjoni ta' postijiet ta' qima, li dejjem aktar ġew fil-mira ta' attakki terroristiċi. Il-Kummissjoni se **torganizza wkoll konferenza ta' livell għoli** dwar il-protezzjoni tal-komunitajiet Lhud fl-UE.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri u l-komunitajiet Lhud fit-**tisħiħ tal-protezzjoni tal-postijiet ta' qima** bħala parti mill-appoġġ tagħha għall-protezzjoni tal-ispacejji pubbliċi. Is-sejħa għall-proposti li jmiss se tiġi ppubblikata fl-2022 u se żżid l-ammont totali għal EUR 24 miljun. Il-Kummissjoni, flimkien maċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, se tesplora l-possibbiltà ta' **evalwazzjonijiet regolari tal-UE tat-theddid speċifiku għal persuni, komunitajiet u postijiet ta' qima Lhud**, sabiex tifhem, tipprevjeni, tipproteġi u tirrispondi aħjar għal riskji għas-sigurtà.

Biex niġġieldu l-estremiżmu vjolenti, huwa essenzjali li nsaħħu s-soċjetajiet demokratiċi tagħna u nżidu r-reżiljenza tas-soċjetà għall-ideoloġiji estremisti. L-antisemitiżmu jinstab mal-ispettru ta' ideoloġiji estremisti, mill-ġiħadiżmu sal-estremiżmu vjolenti tal-lemin. Ir-radikalizzazzjoni, ir-reklutaġġ u t-tħejjija ta' attakki terroristiċi ta' spiss isiru online. Ir-**Regolament dwar l-indirizzar tat-tixrid ta' kontenut terroristiku online**⁷⁹ jittratta dan billi jirrikjedi li l-pjattaformi online jkollhom rwol aktar attiv fl-iskoperta ta' kontenut bħal dan u t-tneħħija tiegħu f'mhux aktar minn siegħa.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Tipprovdi finanzjament tal-UE b'appoġġ għal proġetti ffokati fuq il-**protezzjoni ta' spazji pubbliċi u postijiet ta' qima** u tipproduċi mappa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tal-miżuri tas-sigurtà nazzjonali u ta' protezzjoni eżistenti.
- Tkompli tiffinanzja **attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni**, primarjament permezz tal-programm Orizzont Ewropa, bil-għan li jiġu mifhuma x-xejriet tar-radikalizzazzjoni kontemporanji, kif ukoll il-mezzi u x-xejriet biex jiġu evitati u indirizzati b'mod effettiv.
- Iżżid l-**appoġġ operattiv** tagħha għall-Istati Membri u l-komunitajiet Lhud billi tipprovdi taħriġ dwar miżuri ta' sigurtà. Dan se jinkludi żjarat ta' konsulenti dwar is-sigurtà protettiva tal-UE fl-Istati Membri biex iwaqqfu **network ta' ħarrieġa** dwar il-protezzjoni tal-postijiet ta' qima.

⁷⁴ [COM\(2020\) 795 final.](#)

⁷⁵ [COM\(2017\) 612 final.](#)

⁷⁶ [Guideline - Building Perimeter Protection](#), JRC, 2020.

⁷⁷ Il-Kummissjoni toffri skola annwali tal-ħarifa dwar il-protezzjoni tal-ispacejji pubbliċi għall-parteċipanti tal-komunitajiet reliġjużi.

⁷⁸ [Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni tal-Ispacejji Pubbliċi](#), 7 ta' Ġunju 2021.

⁷⁹ [Ir-Regolament \(UE\) 2021/784.](#)

- Tidentifika permezz tan-**Network ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni** ir-rilevanza speċifika u l-implikazzjonijiet tal-antisemitiżmu fil-ħidma tagħha dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti.
- **Tikkoopera mill-qrib mal-Europol**, inkluża l-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet tal-UE tiegħu, biex tiġġieled it-terroriżmu antisemitiku u l-estremiżmu vjolenti online, billi tiegħu azzjoni kontra gruppi u individwi li jxerrdu kontenut terroristiku online u biex tiżgura **implimentazzjoni rapida tar-Regolament dwar il-kontenut online tat-terroriżmu**.
- Tappoġġa l-kommemorazzjoni tal-vittmi ta' **attakki terroristiċi, inkluż permezz tal-ħajt diġitali tal-vittmi**.

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- Jadottaw il-miżuri meħtieġa biex **jiżguraw is-sigurtà tal-bini Lhudi** u jipprovdu biżżejjed appoġġ finanzjarju jew appoġġ ieħor, inkluż bl-appoġġ tal-programmi annwali nazzjonali tal-**Fond tas-Sigurtà Interna - Il-Pulizija**.
- Jintegraw u jimplimentaw għodod u gwida tal-UE⁸⁰ **dwar il-protezzjoni ta' postijiet ta' qima** bħala parti mill-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar l-antisemitiżmu.
- Jagħmlu **użu mill-appoġġ tal-Europol rigward l-attivitajiet ta' kontra t-terroriżmu**, kemm online kif ukoll offline, u investigazzjonijiet relatati, inklużi dawk marbuta mar-razziżmu, il-ksenofobija u l-antisemitiżmu.

2.2. Is-sostenn tal-ħajja Lhudija u l-libertà tar-reliġjon jew it-twemmin

Il-ħajja Lhudija hija parti mid-diversità tal-UE. Il-Lhud jistgħu jkunu sekulari, liberali, ta' riforma, agnostiċi, ortodossi jew ultraortodossi; jistgħu jkunu Ashkenazi jew Sephardi; jista' jkollhom għeruq fl-eks Unjoni Sovjetika, fil-Lvant Nofsani, fl-Asja Ċentrali, fl-Afrika u fi bnadi oħra. Ħafna Lhud huma parti minn familji mħallta, u b'hekk ikompli jżidu d-diversità tal-orġini u t-twemmin tagħhom⁸¹. Madankollu, minkejja l-preżenza fit-tul tal-Lhud fl-Ewropa, in-nies bilkemm għandhom **għarfien tal-ħajja Lhudija u tal-Ġudajżmu**. 3 % biss tal-Ewropej iħossuhom "infurmati tajjeb ħafna" dwar l-istorja, id-drawwiet u l-prattiċi tal-Lhud, filwaqt li 68 % jgħidu li "ma humiex infurmati"⁸². Biex jixxejnu l-preġudizzji u biex jinkiseb rikonossiment sħiħ tal-**ħajja Lhudija bħala parti mis-soċjetà Ewropea**, is-sensibilizzazzjoni u l-għarfien dwar l-istorja u l-kultura Lhudija għandhom jiżiedu fost il-pubbliku ġenerali⁸³.

Il-Lhud jesprimu l-identità Lhudija tagħhom permezz ta' prattiċi kulturali, tradizzjonali u reliġjużi speċifiċi, billi jfakkru l-istorja tagħhom u jgħallmu lezzjonijiet għall-ġenerazzjonijiet futuri. Waħda minn dawn il-prattiki hija l-festival tar-rebbiegħa *Tu Bishvat* (is-Sena l-Ġdida tas-Siġar), festa Lhudija ddedikata għall-preżervazzjoni tan-natura fejn jitħawlu s-siġar bħala ċelebrazzjoni.

⁸⁰ Pereżempju, l-ghodda għall-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u l-[EU Quick Guide to support the protection of places of worship](#).

⁸¹ [Jews in Europe at the turn of the millennium: population trends and estimates](#) ta' Sergio DellaPergola u Daniel Staetsky, European Jewish Demography Unit/JPR, 2020.

⁸² [Ewrobarometru 484: Perceptions of antisemitism, Jannar 2019](#)

⁸³ Għal 82 % tal-Lhud fl-UE, il-projbizzjoni taċ-ċirkonċizzjoni tkun problema u għal 69 % il-projbizzjoni tat-tbiċċir tradizzjonali tkun problema ([it-Tieni Stħarriġ tal-FRA 2018](#)).

Shechita, it-tbiċċir kosher⁸⁴ tal-annimali, huwa eżempju ieħor. Fis-sentenza tagħha dwar il-qtil ritwali ta' Diċembru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE)⁸⁵, irrikonoxxiet li l-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli differenti bbażati fuq il-kuntest domestiku, filwaqt li jiżguraw ir-rispett tal-Artikolu 10(1) tal-Karta⁸⁶, billi joħolqu bilanċ ġust bejn ir-rispett għal-libertà tal-manifestazzjoni tar-reliġjon u l-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali⁸⁷.

Il-ħajja Lhudija tista' tiffjorixxi biss f'soċjetà inklużiva, filwaqt li tibni fuq relazzjonijiet b'saħħithom u ta' fiduċja ma' komunitajiet oħra, inkluż l-ewwel ġenerazzjoni, b'mod partikolari fil-livell lokali. Il-kultura jista' jkollha rwol importanti fl-iżvilupp ta' soċjetà inklużiva. Mill-mużika għaċ-ċinema u l-arti tal-ispettaklu, is-settur kulturali huwa forza qawwija għall-promozzjoni tal-inklużjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni.

Il-Kummissjoni tappoġġa l-kultura u l-arti Lhudija permezz ta' programmi ta' finanzjament tal-UE, bħall-programm Ewropa Kreattiva, filwaqt li tfittex li tiġġieled l-isterjotipi - inkluż dawk dwar il-Lhud - fis-soċjetà Ewropea.

L-isport u l-midja wkoll għandhom rwol importanti x'jaqdu biex titrawwem l-inklużjoni. Fil-futbol, xi federazzjonijiet u klabbs nazzjonali diġà qed jindirizzaw l-imġiba u l-inċidenti antisemitiċi. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-inizjattivi tas-soċjetà ċivili u ma' atturi rilevanti oħra biex issaħħaħ il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u r-razziżmu fil-futbol fl-arranġament li ġej ta' kooperazzjoni mal-Unjoni tal-Assoċjazzjonijiet Ewropej tal-Futbol (UEFA) (2022-2024) u biex tindirizza l-antisemitiżmu fl-isport b'mod ġenerali f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet sħab oħra, inkluż permezz ta' kampanji tal-midja soċjali. L-isterjotipi jseħħu wkoll fil-midja. Filwaqt li tirrispetta l-libertà tal-istampa, il-Kummissjoni se tappoġġa **taħriġ għall-ġurnalisti** dwar ir-rikonoxximent tal-forom kollha ta' antisemitiżmu u l-iżvelar ta' preġudizzji antisemitiċi fir-rapportar.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Iżid l-għarfien u l-fehim dwar il-ħajja Lhudija fost il-pubbliku ġenerali permezz **ta' kampanja ta' sensibilizzazzjoni** f'kooperazzjoni mill-qrib mal-komunitajiet Lhud, inkluż permezz **ta' djalogu u attivitajiet interkulturali u interkonfessjonali**.
- Trawwem rabtiet bejn it-tradizzjoni Lhudija ta' **tħawwil ta' siġar** fil-festa ta' *Tu Bishvat*, inkluż minn tfal tal-iskola, u l-**impenn tal-UE li tħawwel 3 biljun siġra addizzjonali** skont l-istrateġija għall-bijodiversità u għall-foresti għall-2030, u b'hekk toħloq sensibilizzazzjoni u viżibiltà reċiproka.⁸⁸
- Tiffaċilita l-**iskambju ta' Prattiki** bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-komunitajiet Lhud u Musulmani fir-rigward tat-tbiċċir ibbażat fuq tradizzjonijiet reliġjużi, abbażi tal-esperjenza ta' organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-NU, l-OSKE-ODIHR u l-Kunsill tal-Ewropa.
- Tieħu azzjoni biex tiġġieled l-antisemitiżmu u trawwem il-ħajja Lhudija fil-**livell reġjonali u lokali**, inkluż billi tippjana u tiżviluppa **gwida ta' Prattiki tajbin u**

⁸⁴ It-tbiċċir tradizzjonali (Shechita) huwa l-prattika ta' tbiċċir tal-annimali kosher fil-kuntest ta' Prattika preskritta għal skopijiet ta' produzzjoni tal-ikel. Għal 69 % tal-Lhud, il-projbizzjoni tat-tbiċċir tradizzjonali tkun problema ([it-Tieni Stħarriġ tal-FRA 2018](#)).

⁸⁵ [Il-Kawża C-336/19](#); *Centraal Israëlitisch Consistorie van België et*, is-17 ta' Diċembru 2020.

⁸⁶ Art. 10 (1): "Kull persuna għandha d-dritt għal-libertà tal-espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà ta' opinjoni u l-libertà li tirċievi jew tagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u indipendentement mill-fruntieri."

⁸⁷ Il-punt 71 tas-sentenza. Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009, it-tbiċċir tradizzjonali huwa permess sal-punt meħtieġ għall-ħtiġijiet tal-komunitajiet reliġjużi kkonċernati, u jeħtieġ li regoli aktar stretti mill-Istati Membri jkunu ġġustifikati kif xieraq.

⁸⁸ [COM\(2020\)380 final](#).

taħriġ għall-organizzazzjonijiet li joperaw fil-livelli reġjonali u lokali.

- Tappoġġa l-iskambju, permezz **tan-Network Ewropew għall-Integrazzjoni**, ta' prattiki tajbin dwar l-ġhotti ta' informazzjoni lill-migranti dwar il-valuri tal-UE, inkluż dwar il-għieda kontra l-antisemitiżmu, pereżempju billi taħdem mal-migranti bħala ambaxxaturi għall-valuri tal-UE.

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- Jiżguraw permezz ta' **miżuri ta' politika u legali** li gruppi jew komunitajiet reliġjużi, inklużi l-Lhud, ikunu jistgħu jgħixu ħajjithom skont it-tradizzjonijiet reliġjużi u kulturali tagħhom.
- **Joħolqu sensibilizzazzjoni** fost il-pubbliku ġenerali **dwar il-ħajja u t-tradizzjonijiet tal-Lhud**, inkluż billi jfakkru pubblikament il-jiem rilevanti għal-Lhud, u billi jiffinanzjaw proġetti u jwettqu kampanji.

2.3. Il-ħarsien tal-wirt Lhudi

Il-wirt kulturali Lhudi huwa parti integrali mill-kultura Ewropea. L-estermazzjoni tal-komunitajiet Lhud matul l-Olokawstu biddlet wiċċ l-Ewropa u ħalliet ħafna binjiet, ċimiterji u siti oħra tal-wirt Lhudi abbandunati jew mhux użati. Dan il-“wirt orfni” issa huwa ta' spiss f'kundizzjoni ħażina jew f'periklu ta' deterjorament.

Il-qafas Ewropew għall-azzjoni dwar il-wirt kulturali⁸⁹ jinkludi miżura speċifika dwar iċ-ċimiterji tal-Lhud fl-Ewropa. Il-wirt kulturali tal-Ewropa, inkluż il-wirt Lhudi, huwa appoġġat minn firxa ta' politiki, programmi u finanzjament tal-UE, b'mod partikolari l-Ewropa Kreattiva, l-Orizzont Ewropa, l-Erasmus+, is-CERV u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Il-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjeta' (il-Konvenzjoni ta' Faro)⁹⁰ tenfasizza l-aspetti importanti tal-wirt peress li dawn huma relatati mad-drittijiet tal-bniedem u mad-demokrazija, u tippromwovi fehim usa' tal-wirt u r-relazzjoni tiegħu mal-komunitajiet u mas-soċjeta'⁹¹. Id-Dikjarazzjoni ta' Terezín dwar l-Assi ta' Żmien l-Olokawstu u Kwistjonijiet Relatati⁹², iffirmata mill-Istati Membri kollha fl-2009⁹³, tiddekrivi diversi miżuri lejn ġustizzja restorattiva għall-vittmi tal-persekuzzjoni Nazista u d-dixxendenti tagħhom. Fil-kuntest ta' DiscoverEU⁹⁴, vjaġġaturi żgħażaġħ huma mħeġġa jżuru siti ta' wirt kulturali biex isaħħu l-għarfien tagħhom dwar il-wirt kulturali tal-Ewropa.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Tistieden lill-bliet jindirizzaw l-istorja tal-minoranzi tagħhom, inkluża l-istorja tal-komunità Lhudija, meta japplikaw għat-titolu **tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura**.
- Tuża **l-Jiem Ewropej tal-Wirt**, inizjattiva konġunta tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-

⁸⁹ [European framework for action on cultural heritage](#).

⁹⁰ [Il-Konvenzjoni ta' Faro](#) ġiet adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fit-13 ta' Ottubru 2005, miftuħa għall-iffirmar mill-Istati Membri fis-27 ta' Ottubru 2005, u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2011.

⁹¹ [Risoluzzjoni 2309 \(2019\)](#).

⁹² [Dikjarazzjoni ta' Terezín 2009](#).

⁹³ Ara wkoll: [Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Presidenza Ċeka tal-UE](#), iffirmata fid-29 ta' Ġunju 2009.

⁹⁴ https://europa.eu/youth/discovereu_en

Kummissjoni, biex tiġbed l-attenzjoni għall-wirt Lhudi madwar l-Ewropa.

- Issegwi **l-proġett ta' rkupru kulturali diġitali Lhudi**⁹⁵, li għandu l-għan li jżviluppa bażi tad-*data* komprensiva ta' informazzjoni dwar assi kulturali tal-Lhud li kienu nsterqu min-Nazisti, tiġbor Prattiki tajbin u tippromovi attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni.
- Tniedi azzjoni preparatorja dwar **il-protezzjoni ta' ċimiterji Lhud tal-Ewropa**, filwaqt li tikkapitalizza fuq ir-riżultati ta' żewġ proġetti pilota preċedenti tal-Parlament Ewropew⁹⁶ dwar dan is-suġġett u trawwem rabtiet bejn gruppi interessati fil-preżervazzjoni ta' siti ta' dfin Lhud.
- Tippromwovi **żjarat taż-żgħażaġh** li jivvjaġġaw madwar l-Ewropa lejn siti ta' wirt Lhud fil-kuntest ta' **DiscoverEU**.

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- Jinkoraġġixxu u jappoġġaw il-Jiem Ewropej tal-Wirt, billi jenfasizzaw **il-wirt Lhudi fil-kuntest nazzjonali**, inkluż fil-mużewijiet nazzjonali, fil-festivals u fl-arti sponsorjati mill-istat.
- Jappoġġaw **il-manutenzjoni u s-salvagwardja tal-wirt Lhudi** skont il-Konvenzjoni ta' Faro.
- Jużaw opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE, inkluż **il-fond tal-politika ta' koeżjoni**, biex jissalvagwardaw il-wirt Lhudi.
- **Jimplimentaw id-Dikjarazzjoni ta' Terezín** tal-2009.

III. L-EDUKAZZJONI, IR-RIĊERKA U T-TIFKIRA

"Kemm hu sabiħ li ħadd m'għandu bżonn jistenna mument wieħed qabel ma jibda jtejjeb id-dinja."

— Anne Frank

Biex insawru l-futur tal-Ewropa, in-nies jeħtieġ li jifhem l-passat tagħha. L-għarfien dwar il-ħajja Lhudija u l-antisemitiżmu fl-Ewropa matul is-sekli u l-impatt tal-Olokawstu fuq il-Lhud u fuq il-kontinent Ewropew huma essenzjali biex wieħed jifhem l-antisemitiżmu llum u biex dawn l-atroċitajiet ma jerġgħux iseħħu. **L-edukazzjoni u r-riċerka dwar il-ħajja Lhudija, l-antisemitiżmu u l-Olokawstu** huma kruċjali f'dan ir-rigward u jenħtieġ li ma jiffokawx biss fuq l-Olokawstu, iżda wkoll fuq il-kontribut tal-Lhud għas-soċjetà Ewropea.

Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni⁹⁷ u l-komunikazzjonijiet il-ġodda **taż-Żona Ewropea tar-Riċerka**⁹⁸ jindirizzaw kwistjonijiet ta' inklużjoni, ugwaljanza u nondiskriminazzjoni. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li l-opportunitajiet indaqs ikunu valur kondiviż mill-Istati Membri fir-riċerka u l-innovazzjoni, fil-kuntest tal-**Patt li ġej għar-Riċerka u l-Innovazzjoni**.

Il-pjan ta' azzjoni għall-edukazzjoni Diġitali (2021-2027) jiffoka fuq l-importanza li tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni u li jiġi promoss il-litteriżmu diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ permezz tal-iżvilupp ta' linji gwida għall-ġhalliema u l-edukaturi bil-għan li jitravmu l-ħsieb kritiku, it-tolleranza u l-promozzjoni tal-ġhoti tas-setgħa online. Barra minn hekk, l-UNESCO u l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem ripetutament talbu għall-promozzjoni ta' programmi edukattivi fl-Istati parteċipanti, inklużi l-

⁹⁵ Il-bażi tad-*data* prodotta matul il-fażi I tal-proġett hija disponibbli hawnhekk: <https://pilot-demo.jdcrp.org>

⁹⁶ <https://www.esif-surveys.org/>.

⁹⁷ [COM\(2020\) 625 final](#).

⁹⁸ [COM\(2020\) 628 final](#).

Istati Membri tal-UE, biex toħloq sensibilizzazzjoni fost iż-żgħażaġh dwar il-valur tar-rispett u l-fehim reċiproku. L-impenji tal-UNESCO u tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem iħeġġu edukazzjoni dwar l-antisemitiżmu li tiżgura approċċ sistematiku, inkluż l-iżvilupp u l-użu ta' kurrikuli biex jiġu indirizzati forom kontemporanji ta' antisemitizmu⁹⁹.

3.1. L-edukazzjoni u r-riċerka dwar l-antisemitiżmu u l-ħajja Lhudija

Kull tifel u tifla għandhom jitgħallmu dwar il-ħajja Lhudija u l-antisemitiżmu bħala parti integrali mill-istorja tal-Ewropa. L-edukazzjoni tista' **ssaħħaħ ir-reżiljenza taż-żgħażaġh għall-ideat u l-ideoloġiji antisemitiċi** u għall-forom kollha ta' intolleranza u diskriminazzjoni. L-opportunitajiet ta' involviment mal-komunitajiet Lhud u l-membri tagħhom, kif ukoll ma' minoranzi u gruppi reliġjużi oħra jistgħu jrawmu wkoll fehim reċiproku. Is-sena **Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022** se toffri opportunitajiet ġodda f'dan ir-rigward. L-iskejjel u l-kampusijiet iridu jkunu postijiet sikuri għal kulħadd. L-għalliema għandhom jingħataw is-setgħa li jindirizzaw l-antisemitiżmu, l-Olokawstu, il-ħajja u l-istorja tal-Lhud, anke fi klassijiet multikulturali.

Il-Kummissjoni tappoġġa r-riċerka dwar l-antisemitiżmu, il-ħajja Lhudija u l-Olokawstu permezz tal-Orizzont 2020 u l-programm Ewropa għaċ-Ċittadini, u se tkompli tagħmel dan taħt is-suċċessuri tagħhom, l-Orizzont Ewropa¹⁰⁰ u l-programmi CERV. Madankollu, id-dipartimenti universitarji dwar l-istudji dwar l-antisemitiżmu u l-Lhud fl-UE huma marbuta biss b'mod laxk. Ma hemm l-ebda **ċentru globali tar-riċerka**. L-isforzi ta' riċerka dwar l-aspetti kollha tal-antisemitiżmu u tal-ħajja Lhudija fl-Ewropa jenħtieġ li jiżiedu biex jikkomplementaw ir-riċerka tal-Olokawstu.

L-UE ħadet f'idejha t-tmexxija fl-iżgurar ta' *data* komparabbli dwar l-esperjenzi u l-perċezzjonijiet antisemitiċi. **L-istħarriġ tal-FRA dwar l-esperjenzi tal-Lhud tal-antisemitiżmu** se jiġi rripetut fl-2023 u f'intervalli regolari minn hemm 'il quddiem. **L-Ewrobarometru dwar il-perċezzjonijiet tal-antisemitiżmu** fost il-pubbliku ġenerali se jitwettaq għat-tieni darba fl-2024 u mbagħad kull ħames snin. Sabiex jiġi ffaċilitat aktar it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza, hija meħtieġa aktar riċerka dwar il-preġudizzji antisemitiċi fost il-popolazzjoni ġenerali.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Trawwem, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-komunità tar-riċerka, il-ħolqien ta' **ċentru ta' riċerka Ewropew dwar l-antisemitiżmu kontemporanju u l-ħajja u l-kultura Lhudija** li jrawmu riċerka multidixxiplinari madwar l-Ewropa u jiffinanzjaw ir-riċerka permezz ta' Orizzont Ewropa, dwar diversi forom strutturali ta' razziżmu u ksenofobija, b'kont meħud tal-ispeċifikitajiet nazzjonali u l-intersezzjonalità.
- Tappoġġa l-iżvilupp ta' network ta' **Ambaxxaturi Ewropej Żgħażaġħ biex tiġi promossa t-tifkira tal-Olokawstu** fl-iskejjel, fl-universitajiet u fl-istituzzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali u edukattiv.
- Tiffinanzja **stħarriġ madwar l-UE kollha dwar il-preġudizzji antisemitiċi** fil-

⁹⁹ L-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem żviluppa ġabra ta' riżorsi u programmi biex tinholq sensibilizzazzjoni dwar id-diskriminazzjoni, ir-reati ta' mibegħda, l-antisemitiżmu u forom oħra ta' intolleranza, inkluż kontra l-Musulmani, l-Insara u l-membri ta' reliġjonijiet jew twemmin ieħor. Aktar informazzjoni fuq is-[sit web tal-OSCE/ODIHR](https://www.osce.org/odihr).

¹⁰⁰ Pereżempju, l-ewwel sejħiet tal-Orizzont Ewropa se jiffinanzjaw riċerka dwar diversi forom strutturali ta' razziżmu u ksenofobija, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifikitajiet nazzjonali u l-intersezzjonalità.

popolazzjoni ġenerali tal-Istati Membri kollha, inkluż fost iż-żgħażaġh.

- Tappoġġa lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu valuri komuni u edukazzjoni inklużiva u jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni ta' valuri komuni, edukazzjoni inklużiva, u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim¹⁰¹ permezz tal-**Grupp ta' Ħidma l-ġdid dwar l-ugwaljanza u l-valuri fl-edukazzjoni u t-taħriġ**, inkluż dwar il-ħajja u t-tradizzjonijiet tal-Lhud.
- Tappoġġa attivitajiet, permezz tal-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, immirati lejn il-promozzjoni tal-valuri Ewropej u l-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni u intolleranza, **inkluż l-antisemitiżmu**, billi jrawmu l-edukazzjoni ċivika u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika.
- Tappoġġa **t-taħriġ tal-professionisti edukattivi** f'kooperazzjoni mal-UNESCO u l-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, abbażi tal-gwida tagħhom dwar "L-indirizzar tal-antisemitiżmu permezz tal-edukazzjoni", rispettivament għal dawk li jfasslu l-politika u għall-istituzzjonijiet tat-taħriġ tal-ġalliema.
- Tappoġġa lill-Istati Membri, permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, fit-tfassil u **fl-implimentazzjoni ta' riformi fl-iskejjel** immirati lejn l-indirizzar tad-diskriminazzjoni b'mod ġenerali, u l-antisemitiżmu b'mod partikolari.

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- Jippromwovu **l-għarfien dwar il-ħajja Lhudija, l-antisemitiżmu u l-Olokawstu** permezz tal-edukazzjoni u r-riċerka, u jħeġġu skambji mal-komunitajiet lokali, fejn possibbli.
- Jirrapportaw u jirreġistraw inċidenti ta' **diskriminazzjoni antisemitika fl-iskejjel** u jappoġġaw lid-diretturi tal-iskejjel u lill-ġalliema fl-indirizzar tagħhom.

3.2. L-edukazzjoni, ir-riċerka u t-tifkira tal-Olokawstu

L-Olokawstu huwa legat li jiddefinixxi l-istorja Ewropea, li matulu nqatlu sitt miljun tifel u tifla, mara u raġel Lhud. Filwaqt li l-Lhud kienu l-mira ta' prijorità tar-reġim Nazista, gruppi oħra kienu ppersegwitati wkoll, inklużi r-Rom, persuni b'diżabilitajiet, is-Slavi, ix-xhieda ta' Jehovah, il-persuni LGBTIQ u d-dissidenti politiċi.

Għal għexieren ta' snin, is-superstiti tal-Olokawstu ikkondividew l-istejjer tagħhom bħala parti **mit-tradizzjoni ta' tifkira**. Madankollu, illum, is-superstiti kollha xjaħu jew mietu. Dawk li kienu adulti matul it-tieni Gwerra Dinjija u li kellhom l-aktar memorji ċari tal-Olokawstu, ma għadhomx magħna. Il-preżervazzjoni u l-onorar tal-legat tagħhom, l-iżgurar li l-istejjer tagħhom ma jintesewx u jiġu rakkontati b'mod preċiż, u s-sejba ta' forom ġodda ta' tifkira huma sfidi u dmirijiet għal din il-ġenerazzjoni u għall-ġenerazzjonijiet futuri tal-Ewropej.

Bħalissa, Ewropew wieħed f'kull 20 qatt ma sema' bl-Olokawstu, u inqas minn nofs l-Ewropej jaħsbu li huwa mgħallem biżżejjed fl-iskejjel¹⁰². **L-edukazzjoni u r-riċerka** għandhom rwol ewlieni fis-sensibilizzazzjoni dwar l-Olokawstu.

Riċerka ħielsa, miftuħa u indipendenti hija valur ewlieni tad-demokrazzi. Ir-riċerka dwar l-aspetti kollha tal-Olokawstu hija importanti wkoll biex jiżdied il-fehim dwar kif l-Olokawstu

¹⁰¹ [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill \(2018/C 195/01\)](#), it-22 ta' Mejju 2018.

¹⁰² Żewġ terzi tal-Ewropej huma konvinti li l-kommemorazzjoni tal-Olokawstu tgħin biex jiġi żgurat li tali atroċitajiet qatt ma jerġġu jseħħu. ([Stħarriġ tas-CNN: Anti-Semitism in Europe – A shadow over Europe, 2018.](#))

kien possibbli fl-Ewropa. B'EUR 25 miljun (2010-2024)¹⁰³, **l-Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka dwar l-Olokawstu** (EHRI)¹⁰⁴ - l-akbar inizjattiva ta' riċerka ffinanzjata mill-UE dwar l-Olokawstu globalment - tgħaqquad il-komunità tar-riċerka billi tagħmel disponibbli, madwar l-Ewropa u lil hinn minnha, sorsi mifruxa relatati mal-Olokawstu. F'dan ir-rigward, l-EHRI se tespandi l-enfasi tar-riċerka tagħha biex tinkludi l-manifestazzjonijiet tal-antisemitiżmu li wasslu għall-Olokawstu.

Għandhom jiġu żviluppati wkoll modi ġodda kif tinholq sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari f'kuntest lokali, fejn postijiet "fejn seħħ l-Olokawstu" – minn sinagogi għal siti kulturali Lhud, minn postijiet fejn inħbew għal siti ta' sparar – ta' spiss ma jkunux viżibbli. Dan jista' jinkludi **network li jippermetti lill-istudenti, lill-prattikanti u lill-pubbliku ġenerali jittiraċċaw il-kontinwità tal-preżenza Lhudija fl-Ewropa** matul is-sekli u li jiffaċilita inizjattivi lokali biex isiru żjarat u jergħu jiġu stabbiliti siti kulturali u ta' memorja.

Il-Kummissjoni se trawwem ukoll **dibattitu pubbliku** (online jew fil-kunsilli lokali) dwar is-sinifikat tal-Olokawstu f'UE diversa u se tappoġġa l-ħolqien ta' **Monument Ewropew** parteċipattiv **tal-Olokawstu** fi Brussell, marbut ma' biċċiet ta' arti fil-bliet kapitali tal-UE.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Tappoġġa, anke finanzjarjament, **il-ħolqien ta' network ta' siti "fejn seħħ l-Olokawstu"**, f'kooperazzjoni mal-komunitajiet lokali.
- Tagħmel il-**finanzjament tal-proġett disponibbli permezz tal-fergħa ta' Tifkira** tal-programm CERV biex jiġi kkommemorat l-Olokawstu ukoll permezz **tad-diġitalizzazzjoni tal-arkivji u tax-xhieda** tas-superstiti tal-Olokawstu.
- Tkompli l-preżenza tagħha fi u l-appoġġ għall-**jiem u l-avvenimenti ta' kkommemorazzjoni tal-Olokawstu**, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, f'kooperazzjoni mar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-UE.

L-Istati Membri huma mhegħa:

- **Ifakkru l-Olokawstu pubblikament** f'kooperazzjoni mill-qrib mal-komunità Lhudija, inkluż bl-involviment tal-parlamenti nazzjonali.
- Jiżguraw li l-**universalità tal-Olokawstu tkun riflessa fl-edukazzjoni** u jivvalutaw l-effettività ta' kif jiġi mgħalliem, inkluż fi klassi multietnika u diversa.
- **Isiru sħab attivi fl-implimentazzjoni tal-infrastruttura tal-EHRI**, inkluż permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji.

3.3. Iċ-ċaħda, id-distorsjoni u l-banalizzazzjoni tal-Olokawstu

Sfortunatament, il-manifestazzjonijiet ta' ċaħda, distorsjoni u banalizzazzjoni tal-Olokawstu qed jiżdiedu. 53 % tal-Ewropej iqisu iċ-ċaħda tal-Olokawstu bħala problema f'pajjiżhom¹⁰⁵. 62 % tal-Lhud raw jew semgħu persuni mhux Lhud jissuġġerixxu li l-Olokawstu huwa mit jew ġie eżaġerat, tal-anqas kultant¹⁰⁶. Iċ-ċaħda, id-distorsjoni u l-banalizzazzjoni tal-Olokawstu spiss jintużaw biex irawmu l-mibegħda kontra l-Lhud u bħala tentattiv biex terġa' tinkiteb l-istorja Ewropea u tal-Lhud. L-effetti korrożivi tagħhom għall-memorja storika

¹⁰³ L-EHRI, iffinanzjata mill-Programmi Qafas għar-Riċerka u tal-Innovazzjoni tal-UE, bħalissa tinsab fil-proċess li ssir Infrastruttura Ewropea fit-tul ibbażata fuq finanzjament konġunt mill-Istati Membri.

¹⁰⁴ <https://www.ehri-project.eu/>.

¹⁰⁵ [Ewrobarometru 484: Perceptions of antisemitism, Jannar 2019.](#)

¹⁰⁶ [It-Tieni Stħarriġ tal-FRA 2018.](#)

kollettiva u għar-reżiljenza u l-koeżjoni tas-soċjetajiet demokratiċi tagħna ma għandhomx jiġu sottovalutati u jeħtieġ li jiġu indirizzati speċifikament. Id-diskors ta' mibegħda relatat mal-iskużar, iċ-ċaħda jew il-banalizzazzjoni grassa tal-Olokawstu huwa pprojbit skont id-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija¹⁰⁷.

Biex teduka u toħloq sensibilizzazzjoni, il-Kummissjoni tikkoopera mal-IHRA permezz tas-Sħubija Internazzjonali Permanenti tagħha bl-użu tad-definizzjoni tal-IHRA taċ-ċaħda u d-distorsjoni tal-Olokawstu¹⁰⁸, biex tiġġieled dan il-fenomen. Eżempju huwa l-kampanja ta' sensibilizzazzjoni #ProtectTheFacts¹⁰⁹, li tiffoka fuq il-ġlieda kontra d-distorsjoni tal-Olokawstu. Fi **sħubija mal-IHRA u l-UNESCO**, il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa inizzjattivi oħra bbażati fuq ir-*"rakkomandazzjoni tal-IHRA dwar ir-rikonossiment u l-ġlieda kontra d-distorsjoni tal-Olokawstu"*¹¹⁰.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni se:

- Tippromwovi l-użu **tad-definizzjoni tal-IHRA taċ-ċaħda u d-distorsjoni** tal-Olokawstu għall-edukazzjoni u għal skopijiet ta' sensibilizzazzjoni.
- Tiżviluppa **manwal dwar l-aħjar prattiki li jiġġieldu ċ-ċaħda, id-distorsjoni u l-banalizzazzjoni tal-Olokawstu**.
- Tappoġġa u ssaħħa il-**kampanji tal-midja soċjali** flimkien mal-UNESCO, l-IHRA u sħab internazzjonali oħra u ma' gruppi tas-soċjetà ċivili biex tinholqu sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċaħda u d-distorsjoni tal-Olokawstu u biex dawn jiġu miġġielda b'mod attiv.

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- Jinvolvu ruħhom b'mod attiv **f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni kontra ċ-ċaħda, id-distorsjoni u l-banalizzazzjoni tal-Olokawstu**.

IV. IT-TMEXXIJA TAL-ĠLIEDA GLOBALI KONTRA L-ANTISEMITIŻMU

"Id-dinja kif ħloqniha hija proċess tal-ħsieb tagħna. Ma tistax tinbidel mingħajr ma nibdlu l-ħsieb tagħna."

—Albert Einstein

Il-popolazzjoni tal-Lhud madwar id-dinja hija stmata li hija 15,2 miljun¹¹¹. Minn dawn, 45 % jew 6,9 miljun jgħixu f'Israel. B'madwar 6 miljuni, l-Istati Uniti għandhom it-tieni l-akbar komunità Lhudija. Minbarra l-1,5 miljun Lhudi fl-UE, il-popolazzjonijiet Lhud li jifdal jgħixu mferrxa madwar id-dinja fil-kontinenti abitati kollha¹¹².

Il-preġudizzji antisemitiċi huma mifruxa madwar id-dinja. Skont ir-riċerka tal-Anti-Defamation League¹¹³ dwar l-attitudnijiet u l-opinjoni lejn il-Lhud, 74 % tan-nies fir-reġjun tal-Lvant Nofsani/l-Afrika ta' Fuq għandhom attitudnijiet antisemitiċi, minkejja li xi sinjali pożittivi għandhom jiġu rreġistrati wkoll, bħan-normalizzazzjoni reċenti tar-

¹⁰⁷ [Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/JHA tat-28 ta' Novembru 2008.](#)

¹⁰⁸ [IHRA working definition of Holocaust denial and distortion.](#)

¹⁰⁹ <https://ec.europa.eu/newsroom/just/items/700272/default>; www.againstholocaustdistortion.org.

¹¹⁰ IHRA *"Rakkomandazzjoni dwar ir-Rikonossiment u l-Ġlieda kontra d-Distorsjoni tal-Olokawstu"*.

¹¹¹ <https://www.jewishagency.org/jewish-population-5782/>.

¹¹² [World Jewish Population 2019](#), ta' Sergio DellaPergola, f'Arnold Dashefsky u Ira M. Sheskin (eds.), American Jewish Year Book 2019, The Annual Record of the North American Jewish Communities since 1899; [World Jewish Population on Eve of New Year – 14.7 Million, Haaretz.](#)

¹¹³ <https://global100.adl.org/map>.

relazzjonijiet bejn Iżrael u għadd ta' pajjiżi fir-regjun¹¹⁴ ¹¹⁵. Fl-Ewropa tal-Punent¹¹⁶, iċ-ċifra hija ta' 24 % u fl-Ewropa tal-Lvant 34 %, filwaqt li fil-kontinent Amerikan hija ta' 19 %, fl-Asja 22 % u fl-Afrika sub-Saħarjana 23 %. Is-sitwazzjoni u d-daqs tal-komunitajiet Lhud ivarjaw b'mod konsiderevoli bejn il-pajjiżi. Il-Lhud jinsabu f'riskju u jesperjenzaw attakki u inċidenti antisemitiċi madwar id-dinja. Il-preġudizzji antisemitiċi jistgħu jinstabu wkoll f'pajjiżi mingħajr komunitajiet Lhud.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea tafferma mill-ġdid l-impenn sod u inekwivoku tagħha lejn il-ġlieda globali kontra l-antisemitiżmu. Kwalunkwe forma ta' antisemitiżmu, inċitament għall-mibegħda jew vjolenza hija inaċċettabbli u inkompatibbli mal-valuri u l-għanijiet tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Hija għandha tiġi indirizzata permezz ta' azzjoni soda, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. Dawn il-prinċipji mhumiex negozjabbli għall-Kummissjoni Ewropea. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-integrazzjoni tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-antisemitiżmu fil-forom kollha tagħha u fl-oqsma kollha ta' politika hija essenzjali.

4.1. Uża l-istrumenti kollha biex tindirizza l-antisemitiżmu permezz tal-azzjoni esterna tal-UE

L-UE hija msejsa fuq impenn qawwi biex tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt mad-dinja kollha. Dan l-impenn huwa l-bażi tal-politiki tat-tkabbir u tal-viceinat tal-UE u l-politiki tagħha lejn pajjiżi oħra li ma humiex fl-UE, kif ukoll il-ħidma tagħha f'organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-pajjiżi kollha għandhom jipproteġu d-dritt ta' kulħadd, inkluż il-poplu Lhudi, li jkollu, ma jkollux jew li jibdel ir-reliġjon jew it-twelmin tiegħu, li juri pubblikament ir-reliġjon jew it-twelmin tiegħu, u li jkun ħieles minn diskriminazzjoni, persekuzzjoni jew vjolenza minħabba r-reliġjon jew it-twelmin, jew abbażi tal-orijini razzjali jew etnika tiegħu. Il-**pjan ta' azzjoni tal-UE 2020-2024 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija** jistabbilixxi l-livell ta' ambizzjoni u jistabbilixxi l-prijoritajiet tal-UE u l-Istati Membri tagħha f'dan il-qasam, fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi mhux tal-UE. Il-**Linji Gwida tal-2013 dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twelmin barra l-UE**¹¹⁷ u l-**Linji Gwida tal-2019 dwar in-nondiskriminazzjoni fl-azzjoni esterna**¹¹⁸ jfissru għodod li għandhom jintużaw mill-fergħa esterna tal-UE biex jindirizzaw ksur tal-libertà tar-reliġjon jew tat-twelmin u biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni, inkluż kontra l-poplu Lhudi¹¹⁹.

L-UE se tuża **l-għodod kollha disponibbli** biex tappella lill-pajjiżi msieħba biex jiġġieldu b'mod attiv kontra l-antisemitiżmu, filwaqt li jqisu d-definizzjoni tal-IHRA tal-antisemitizmu¹²⁰, fid-djalogi politiċi u tad-drittijiet tal-bniedem u fil-kooperazzjoni usa' tagħha mal-pajjiżi sħab. Dan huwa appoġġat permezz ta' programmi tematiċi u ġeografiċi u l-politiki tal-viceinat u t-tkabbir tal-UE, inkluż fil-proċessi ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni.

¹¹⁴ L-Emirati Għarab Magħquda, il-Baħrejn u s-Sudan rispettivament (2020), segwiti mill-Marokk (Jannar 2021).

¹¹⁵ Il-bidu tal-kostruzzjoni ta' sinagoga fl-Emirati Għarab Magħquda huwa eżempju tajjeb ieħor.

¹¹⁶ Ta' min jinnota li fir-riċerka tal-Anti-Defamation League, ma hija inkluża l-ebda *data* medja dwar l-UE; barra minn hekk, il-kategorija "Ewropa tal-Punent" ma tinkludix il-pajjiżi kollha tal-UE. Għad-*data* għal kull Stat Membru, ara [s-sit web](#).

¹¹⁷ https://eeas.europa.eu/sites/default/files/06_hr_guidelines_religion_mt.pdf.

¹¹⁸ https://eeas.europa.eu/sites/default/files/11_hr_guidelines_external_action_mt.pdf.

¹¹⁹ Barra minn hekk, id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar [Approċċ għall-Iżvilupp ibbażat fuq id-Drittijiet tal-Bniedem](#) jiggwida lill-persunal tal-UE dwar l-integrazzjoni tan-nondiskriminazzjoni għar-raġunijiet kollha fiċ-ċiklu tal-proġetti. Adottata fit-30.6.2021.

¹²⁰ [Id-definizzjoni tal-IHRA ġiet approvata jew adottata wkoll](#) minn pajjiżi mhux tal-UE: l-Albanija, l-Awstralja, l-Arġentina, il-Bahrain, il-Kanada, il-Gwatemala, Iżrael, il-Moldova, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, il-Korea t'Isfel, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti, u l-Urugwaj.

L-UE se tikkooopera b'mod attiv ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tal-Ewropa u l-OSCE, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet reġjonali¹²¹ **f'azzjonijiet konġunti għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-antisemitiżmu**. L-UE se żżid l-azzjonijiet fis-settur tal-edukazzjoni u tkompli tippromwovi **l-konformità sħiħa tal-materjal edukattiv mal-istandards tal-UNESCO** ta' paċi, tolleranza, koeżistenza u nonvjolenza, fil-kooperazzjoni tagħha dwar l-edukazzjoni ma' pajjiżi sħab. Kwalunkwe materjal li jmur kontrihom jirriskja li jimmina l-paċi u l-koeżistenza u ma għandux post fil-kotba tal-iskola jew fil-klassijiet.

Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u r-Rappreżentant Speċjali għal-Libertà tar-Reliġjon jew it-Twemmin barra l-UE se jkompli jindirizzaw b'mod sistematiku l-antisemitiżmu fix-xogħol tagħhom. Barra minn hekk, l-UE se **ssaħħa il-kooperazzjoni globali ta' rappreżentanti u koordinaturi speċjali** dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu.

Iżrael huwa sieħeb ewlieni għall-Unjoni Ewropea, inkluż fil-ġlieda globali kontra l-antisemitiżmu. L-UE se tfittex li ssaħħa aktar is-“**Seminar ta' Livell Għoli bejn l-UE u Iżrael**” dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-antisemitiżmu”, li huwa koorganizzat kull sena, b'enfasi fuq is-segwitu operattiv.

L-azzjonijiet immirati biex jiġġieldu l-antisemitiżmu jistgħu jiġu appoġġati permezz tal-programm tematiku **Ewropa Globali ta' NDICI**¹²² dwar inizjattivi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija li jindirizzaw in-nondiskriminazzjoni. L-UE se tinkludi bħala parti mit-taħriġ tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem għall-persunal fid-delegazzjonijiet u l-kwartieri ġenerali sessjonijiet speċifiċi dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin, inkluż dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli se:

- Jippromwovu **l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni** reliġjuża u etnika, inkluż **l-antisemitiżmu fi djalogi politiċi u dwar id-drittijiet tal-bniedem** u f'kooperazzjoni usa' ma' pajjiżi sħab barra mill-UE.
- Jiżguraw **taħriġ dwar id-drittijiet fundamentali** u t-twettiq ta' djalogu interkulturali għal atturi rilevanti, inklużi għalliema minn barra l-UE.
- Jiżguraw li **l-fondi esterni tal-UE**, f'konformità mal-miżuri eżistenti, **ma jkunux jistgħu jiġu allokat** b'mod ħażin għal attivitajiet li jinċitaw il-mibegħda u l-vjolenza, inkluż kontra persuni Lhud¹²³.
- **Iżidu l-ħidma fis-settur tal-edukazzjoni** biex tiġi promossa l-konformità sħiħa tal-materjal edukattiv mal-istandards tal-UNESCO ta' paċi, tolleranza, koeżistenza u nonvjolenza, kif xieraq.
- Isahha **l-impenn mas-soċjetà ċivili Lhudija** u l-organizzazzjonijiet reliġjużi biex jindirizzaw atti antisemiċi u limitazzjonijiet fuq il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin, permezz tan-network tad-delegazzjonijiet u l-kwartieri ġenerali tal-UE.
- Jikkunsidraw **proġetti ġodda ffinanzjati mill-UE** fil-viċinat tal-UE u lil hinn minnu biex tipprevjeni u tiġġieldu l-antisemitiżmu u trawwem il-ħajja Lhudija.

¹²¹ Inkluża l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, li f'Ġunju 2021 ħolqot il-pożizzjoni ta' Rappreżentant Speċjali għall-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika.

¹²² Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.

¹²³ F'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali, l-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, ikkomplementat fl-2018 minn “linji gwida operazzjonali addizzjonali għall-prevenzjoni tal-inċitament għall-mibegħda u l-vjolenza”.

- Iħeġġu lid-delegazzjonijiet tal-UE biex **jinkludu r-rappurtar ta' inċidenti antisemitiċi f'pajjiżi mhux tal-UE**, fir-rappurtar politiku regolari tagħhom.
- Isaħħu s-seminar UE-Iżrael biex **tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni UE-Iżrael fil-ġlieda kontra l-antisemitiżmu**.

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- Jikkooperaw mill-qrib fil-livell tal-UE biex **jindirizzaw l-antisemitiżmu b'mod konġunt** permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.
- Jinkorporaw il-**ġlieda kontra l-antisemitiżmu fl-istrateġiji u l-politiki kollha tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem**, filwaqt li jqisu d-definizzjoni tal-antisemitiżmu tal-IHRA.
- Jappoġġaw **proġetti u organizzazzjonijiet** li jiġġieldu l-antisemitiżmu u jipprovdu sostenn lill-ħajja Lhudija mad-dinja kollha.

4.2. Il-ħarsien tal-wirt kulturali Lhudi u l-kommemorazzjoni tal-Olokawstu

Il-wirt kulturali Lhudi huwa viżibbli f'ħafna postijiet fil-Lvant Nofsani, fl-Asja u f'postijiet oħra madwar id-dinja, u huwa xhieda tal-preżenza storika tal-komunitajiet Lhud f'dawk ir-reġjuni. Partijiet kbar minn dan il-wirt huma orfni peress li l-komunitajiet Lhud ma għadhomx jgħixu hemm. Il-wirt kulturali Lhudi, bħall-wirt kollu, huwa espressjoni komuni u importanti tad-diversità kulturali u jistħoqqlu protezzjoni dedikata mad-dinja kollha. L-UE flimkien mal-Istati Membri għandha rwol ewlieni x'taqdi biex tgħin lis-sħab lokali, reġjonali u internazzjonali biex **jissalvagwardjaw il-wirt kulturali** permezz ta' taħriġ, żvilupp tal-ħiliet u attivitajiet ta' trasferiment tal-għarfien kif ukoll kooperazzjoni msahha¹²⁴. **Id-djalogu interkulturali u interkonfessjonali** se jkun appoġġat mill-UE biex issaħħaħ il-protezzjoni tal-wirt kulturali permezz ta' xogħol fuq storja u memorja kondiviżi, filwaqt li tibni l-bażi għall-komunitajiet biex jgħixu flimkien b'mod paċifiku f'kuntest multikulturali. L-UE se tkompli tippromwovi t-tifkira tal-Olokawstu fil-livell internazzjonali u **tikkundanna pubblikament iċ-ċaħda, id-distorsjoni u l-banalizzazzjoni tal-Olokawstu** f'pajjiżi mhux tal-UE, inkluż f'fora internazzjonali.

Azzjonijiet ewlenin:

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli se:

- Jippromwovu u jappoġġaw **is-salvagwardja, ir-riabilitazzjoni u t-tiġdid tal-wirt kollu**, tanġibbli u intanġibbli, inkluż il-wirt Lhudi, f'konformità mal-politiki tagħhom għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali u l-wirt kulturali.
- Jintegraw **id-djalogu interkulturali u interkonfessjonali fl-interventi tal-wirt kulturali**.
- Ifittxu opportunitajiet biex jinkludu **l-manutenzjoni tal-wirt Lhudi** fil-programmazzjoni fil-viceinat u lil hinn minnu.
- Ikompli jorganizzaw u jipparteċipaw f'**avvenimenti ta' livell għoli** madwar it-tifkira tal-vittmi tax-Shoah (kommemorazzjonijiet, Jum it-Tifkira tal-Olokawstu).

L-Istati Membri huma mħeġġa:

- Jikkontribwixxu, flimkien mal-UE fil-kuntest tan-NU, għas-**salvagwardja dinjija tal-wirt kulturali, inkluż il-wirt Lhudi**, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-

¹²⁴ Il-komunikazzjoni [Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali](#) u l-[Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-approċċ strateġiku tal-UE għall-wirt kulturali f'kunflitti u kriżijiet](#), u l-Kunċett dedikat tagħha, jiffurmaw il-bażi tal-ħidma tal-UE.

Kunsill dwar l-approċċ strateġiku tal-UE għall-wirt kulturali fil-kunflitti u l-kriżijiet.

- Jimmarkaw il-**Jum Internazzjonali tat-Tifkira tal-Olokawstu** f'kooperazzjoni mad-delegazzjonijiet tal-UE, permezz tal-ambaxxati tagħhom f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali.

V. IT-TWETTIQ TAL-ISTRATEĠJA

Il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu fl-UE hija responsabbiltà kondiviża; teħtieġ sforzi konġunti u azzjoni f'kull livell. L-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-organizzazzjonijiet u l-komunitajiet Lhud, u l-atturi tad-drittijiet tal-bniedem u tas-soċjetà ċivili kollha għandhom rwol fil-kisba tal-għanijiet tal-istrateġija. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jaħdmu flimkien fl-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija. Il-Kummissjoni tappella lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex jippromwovu djalogu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili, inklużi s-sħab soċjali, dwar kif nimxu 'l quddiem lejn soċjetà Ewropea ħielsa mill-antisemitiżmu.

Il-Kummissjoni se tappoġġa b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika proposti permezz ta' opportunitajiet ta' finanzjament varji u tistieden lill-Istati Membri, lill-organizzazzjonijiet u l-komunitajiet Lhud, kif ukoll l-atturi tas-soċjetà ċivili, biex jagħmlu użu mill-programmi tal-UE.

L-istrateġija se tiġi implimentata matul il-perjodu 2021-2030. Rapporti komprensivi dwar l-implimentazzjoni se jiġu ppubblikati fl-2024 u l-2029. Dawn se jkunu bbażati fuq il-kontribut mill-Istati Membri wkoll fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-politiki nazzjonali tagħhom. Bl-appoġġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, dawn ir-rapporti se jinkludu monitoraġġ tal-progress fuq livell nazzjonali, filwaqt li jqisu l-impenji magħmula fid-Dikjarazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-antisemitiżmu tal-2018 u l-2020.

KONKLUŻJONI

Din l-istrateġija hija l-impenn tagħna għal futur għall-ħajja Lhudija fl-Ewropa u lil hinn minnha. Timmarka pass fil-bidla fl-impenn politiku tal-Kummissjoni għal Unjoni Ewropea ħielsa mill-antisemitiżmu u minn kull forma ta' diskriminazzjoni; għal soċjetà miftuħa, inklużiva u ugwali fl-UE. Tirrifletti l-impenn tal-Ewropa li żżomm ħajja l-memorja tal-Olokawstu, anke wara li l-aħħar superstiti tal-Olokawstu jkunu ġew nieqsa.

It-trażżin tal-pjaga antika tal-antisemitiżmu għandu jkun sforz dejjiemi. Kif qal is-superstiti tax-Shoah Primo Levi "*Ġara, għalhekk jista' jerġa' jiġri*". Iż-żieda perikoluża fl-attakki antisemitiċi hija t-tfakkira kollha meħtieġa biex turi li ma jistax ikun hemm tnaqqis fl-isforzi kollettivi bla heda tagħna biex niġġieldu l-antisemitiżmu. Lil hinn minn dan, il-ħajja Lhudija jistħoqqilha mhux biss li tkun protetta iżda li titħalla tiffjorixxi fid-diversità kollha tagħha.

L-Ewropa tista' tirnexxi biss meta l-komunitajiet Lhud tagħha jirnexxu wkoll.